Vol 41
Nru 210
Ottubru - Diċembru 2019

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2019

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Abbazija tad-Dormizzjoni*
*tal-Verġni Marija,*
*Ġerusalemm*

# Werrej



6



17



21



26


6 Il-Bażilika ta' Hagia Sion

17 Ħarsa Biblika lejn il-Familja Mqaddsa

21 Elija Meħud is-Sema (2 Slat 2, 1-18)

26 L-Ittra lil Filemon Awtorità u Skjavitù

33 Pluriformità tal-Kariżmi fil-Knejjes Pawlini

42 Santa Marija l-Eġizzjana (Egiziaca)




33

# Editorjal

ta' Patri Twanny Chircop ofm



## Is-Santwarji Jistennew Żminijiet Aħjar

L-istorja tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa hi waħda li fiha l-patrijiet Franġiskani kellhom jadattaw ruħhom għal diversi sitwazzjonijiet li dejjem jinbidlu. Matul tmien sekli ta' preżenza huma affrontaw id-diffikultajiet kollha biex setgħu jibqgħu preżenti fis-Santwarji tal-Fidwa taħt diversi ħakmiet, fosthom l-Ajjubidi, il-Mamluki, it-Torok Ottomani, il-Mandat Britanniku, il-Ġordanja, u l-iStat ta' Israel jew, fil-każ ta' Betleħem u Ġeriko, il-Palestina. Huma raw gwerer, eżilju, ħabs, u xi wħud sofrew anke l-martirju biex jiddefendu l-Postijiet Qaddisa. Minkejja kollox, il-Franġiskani tgħallmu jadattaw ruħhom taħt kulħadd u quddiem kull ċirkustanza, u dan hu forsi s-sigriet tas-suċċess tagħhom f'din il-Missjoni importanti tal-Knisja.

Wieħed minn dawn il-Franġiskani, li ilu jgħix fl-Art Imqaddsa għal madwar 50 sena, P. Artemio Vítores, Franġiskan Spanjol, iħobb jgħid li hu għadda minn sitt gwerer u żewġ intifadi. Jiftakar il-Gwerra tas-Sitt Ijiem fl-1967, il-Gwerra tal-Yom Kippur fl-1973, il-Gwerra tal-Libanu fl-1982, il-Gwerra tal-Golf fl-1991, it-tieni Gwerra tal-Libanu fl-2006, il-Gwerra ta' Gaza fl-2009, l-ewwel Intifada fl-1987-1993 u l-Intifada ta' Al-Aqsa jew Tieni Intifada fl-2000-2005. Il-Franġiskani li jgħixu fil-kunvent il-kbir ta' San Salvatur f'Ġerusalemm sabu ruħhom fuq il-fruntiera tal-ġlied bejn il-Ġordani



*...editorjal*
*Santu Sepulkru vojt*

u l-Israeljani fl-1967, meta Ġerusalemm il-Qadima, li kienet tappartjeni lill-Ġordanja, ġiet okkupata minn Israel. Uħud mill-patrijiet sa kienu joħorġu bil-moħbi bil-lejl biex jiġbru xi iġsma mejtin ta' insara tal-belt u jidfnuhom temporanjament fil-ġnien tal-kunvent.

Din hi l-istorja li tiġi rrakkontata. Imma forsi ħadd ma kien jimmaġina li dawn il-perjodi ta' gwerra u tensjoni, li fihom sparixxaw il-pellegrini u s-Santwarji sfaw vojta, kellhom isibu okkażjoni oħra li hi rekord ta' żmien li fih is-Santwarji huma deżerti. Qed nirreferi għal dawn ix-xhur ta' pandemija li bdew f'Marzu ta' din is-sena. Matul dawn ix-xhur kollha, wara perjodu ta' folol kbar ta' pellegrini, is-Santwarji spiċċaw dejjem vojta, għax prattikament ma hemm ħadd li jiġi jżurhom, ħlief l-insara lokali li jmorru jitolbu fihom. Il-Kustodja kompliet tiċċelebra l-liturġiji kollha fis-Santwarji, fosthom il-quddies li toffri għall-benefatturi tagħha u l-festi ta' kull Santwarju fil-ġranet proprji tagħhom. Għal dawn l-okkażjonijiet il-patrijiet baqgħu fidili fl-impenn tagħhom li jiċċelebraw il-liturġiji solenni u magħhom jingħaqdu wkoll l-insara lokali.

Wieħed jistaqsi: kif qed jgħixu l-missjunarji Franġiskani f'dan iż-żmien? Il-fatt li ma hemmx pellegrini ma jfissirx li s-Santwarji huma magħluqin, u lanqas li huma traskurati. Il-ħidma ta' kura tal-Postijiet Qaddisa tkompli, kif ukoll kull xogħol ieħor ta' restawr jew skavi arkeoloġiċi. L-istess ngħidu għall-attività akkademika tal-Kustodja fiċ-ċentri tagħha ta' studji, jiġifieri l-iStudium Biblicum tal-Flaġellazzjoni u s-seminarju teoloġiku internazzjonali ta' Ġerusalemm. Fuq kollox tkompli għaddejja l-ħidma pastorali tal-parroċċi u skejjel li jmexxu l-Franġiskani, l-aktar f'Ġerusalemm, Nazaret u Betleħem, u wkoll fil-pajjiżi l-oħrajn li fihom taħdem il-Kustodja, jiġifieri l-Ġordanja, is-Sirja, il-Libanu, Ċipru u Rodi.

Matul din is-sena l-Kustodja tilfet 3 patrijiet li mietu bil-COVID-19, wieħed fl-iStati Uniti tal-Amerika u tnejn fis-Sirja. Għadha kemm tilfet ukoll patri żagħżugħ fis-Sirja, li miet f'inċident tat-traffiku f'Damasku, Patri Shadi Bader. Dan ukoll ifisser li l-Kustodja għad għandha bżonn ta' missjunarji biex jimlew il-vojt u jkomplu jkunu qrib l-insara f'dawn il-postijiet.

Kulħadd jistaqsi meta se nerġgħu lura għan-normalità. Israel hu pajjiż progredit li rnexxielu jżomm taħt kontroll il-pandemija, imma ġralu wkoll bħall-pajjiżi tal-Ewropa u kellu mewġa akbar ta' infezzjonijiet dawn l-aħħar xhur. Għaldaqstant kellhom jittieħdu miżuri drastiċi ta' kontroll, u naturalment mhux permess li barranin jidħlu f'Israel bħala turisti jew pellegrini jekk ġejjin minn pajjiżi b'numru kbir ta' każi. Malta hi waħda minnhom. Mhux possibbli għalissa li mmorru l-Art Imqaddsa. Din hi sitwazzjoni li tnikkitna, għal diversi raġunijiet. Qabel xejn il-pellegrinaġġi huma okkażjoni unika ta' katekeżi fuq il-Kelma ta' Alla. Meta mort inżur u nsellem lill-Monsinjur Arċisqof fil-bidu tal-ministeru tiegħi bħala ministru provinċjal, qalli: "Ibqa' aħdem biex torganizzaw pellegrinaġġi, għax bihom tistgħu tagħmlu ħafna ġid spiritwali." Jiena konvint minn dan, u qed nistennew il-mument opportun biex nerġgħu nibdew. It-tieni raġuni hi li l-patrijiet Franġiskani tal-Kustodja jiddependu ħafna mill-pellegrini għall-għajxien tagħhom, għall-kura tas-Santwarji u għall-għajnuna li jistgħu jagħtu lill-insara lokali. Ma ninsewx li hemm mijiet ta' persuni li jaħdmu mal-Kustodja fil-Case Nove u s-Santwarji, fejn imorru joqogħdu u jitolbu l-pellegrini. Dawn ma jistgħux jibqgħu bla xogħol għal xhur twal, kif diġà ġara, għalkemm il-Kustodja ppruvat tissussidja lill-ħaddiema tagħha, anke bl-għajnuna ta' sussidji governattivi (imma dawn jeżistu biss f'Israel u mhux fil-Palestina).

Fil-futur ċertament se jkun possibbli nerġgħu mmorru nżuru l-Art Imqaddsa. Nittamaw li sas-sajf tal-2021 inkunu nistgħu nkomplu bil-pellegrinaġġi. Jekk ikunx possibbli li jkunu gruppi numerużi ma nafux. Forsi l-futur tal-pellegrinaġġi jkun dak ta' gruppi żgħar li jsegwu protokolli stretti ta' iġjene u distanzjament soċjali, li fis-Santwarji hu diffiċli minħabba l-ispazju ristrett tagħhom. Sadanittant aħna rridu nitolbu biex niġu kemm jista' jkun għan-normalità anke f'din il-ħidma importanti tagħna.

Min-naħa tal-Kustodja qed isiru preparattivi biex is-Santwarji jkunu jistgħu jerġgħu jilqgħu fihom il-pellegrini b'assigurazzjoni ta' nuqqas ta' periklu għal saħħithom. Għalkemm dan il-perjodu ta' vojt inissel niket f'min jgħix fis-Santwarji, imma xorta waħda l-Franġiskani jifhmu li din hi l-missjoni tagħhom, jiġifieri li jibqgħu jkunu preżenti fis-Santwarji tal-Fidwa. Jekk baqgħu fidili u preżenti meta kien hemm gwerer u għadu li setgħu jarawh, issa wkoll iridu jibqgħu fidili u preżenti quddiem dan l-għadu inviżibbli imma qerried, konvinti li ma jdumx ma jerġa' jisbaħ il-jum li fih jinstemgħu l-kant u t-talb tal-pellegrini jidwu fis-Santwarji tal-Fidwa.

***Il-Bord Editorjali jawgura Milied Qaddis u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha***



## AVVIŻ ABBONAMENT 2021

Minħabba is-sitwazzjoni preżenti tal-Pandemija, dak li jsir kull sena li Żelaturi u Żelatriċi jiġbru l-abbonament fir-Rivista L-Art Imqaddsa, din is-sena mhux se jsir. Nitolbukom twasslu l-abbonament tagħkom direttament lil Kummissarjat tal-Art Imqaddsa.



# IL-BAŻILIKA TA' HAGIA SION

*Noel Muscat ofm*

**Tradott u adattat mill-volum ta' Denys Pringle,**
***The Churches of the Crusader Kingdom of Jerusalem: A Corpus,***
**Volume 3, The City of Jerusalem,**
**Cambridge University Press, 2010, n. 336, pp. 261-306.**

Il-Knisja jew Bażilika ta' *Hagia Sion* (Santa Sijon) illum ma għadhiex teżisti, imma kienet tokkupa ż-żona kollha fejn illum hemm iċ-Ċenaklu u l-Abbazija Benedittina tad-Dormizzjoni tal-Verġni Marija fuq l-Għolja ta' Sijon, ftit barra mill-ħitan ta' Ġerusalemm.

## Is-Sijon Kristjana fl-era Biżantina

Fl-ewwel sekli tal-era Kristjana, il-fortizza ta' Sijon, magħrufa wkoll bħala l-Belt ta' David (2Sam 5,7-9), kienet identifikata mal-għolja tal-punent ta' Ġerusalemm, għalkemm tradizzjoni aktar antika u r-riċerka arkeoloġika moderna jindikaw il-Belt ta' David u s-Sijon biblika fuq l-għolja li hemm taħt it-Tempju, bejn il-Wied tal-Kedron u l-Wied ta' Ħinnom.

Fis-sena 333, il-Pellegrin ta' Bordeaux assoċja Sijon mad-dar ta' Kajfa, fejn kienet meqjuma l-kolonna tal-Flaġellazzjoni, u fejn kien hemm ukoll il-Pretorju ta' Pilatu u l-palazz tar-Re David. Isemmi wkoll il-fdalijiet ta' waħda mis-seba' sinagogi li kienu jeżistu hemmhekk sa mill-qedem. Epiphanios ta' Salamis fis-sena 392 jgħid li meta l-Imperatur Ælio Adrijanu qered Ġerusalemm fis-sena 135 u bniha mill-ġdid bl-isem ta' Ælia Capitolina, l-unika parti tal-belt li ma kinetx ġiet imġarrfa kienet tikkonsisti fi ftit djar u knisja żgħira fuq is-Sijon, mibnija fil-post fejn l-Appostli kienu ngabru fiċ-Ċenaklu wara l-Axxensjoni ta' Kristu.

Fi żmien Epiphanios il-knisja ċkejkna kienet inbidlet fi knisja akbar. Dan x'aktarx għax Epiphanios ma jsemmi xejn dwarha meta jitkellem mill-bini ta' knejjes li sar minn Kostantinu fis-sena 336. San Ċirillu ta' Ġerusalemm, fis-sena 348, jidentifika l-knisja ta' Sijon bħala l-Kamra ta' Fuq (Ċenaklu) fejn l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli nhar Pentekoste. Hemm ukoll xi kitbiet Ġorġjani li jattribwixxu l-bini ta' din il-Knisja ta' *Hagia Sion* lill-Imperatur Theodosius I (379-385). Din kienet il-Knisja li rat u ssemmi l-pellegrina Egeria fis-sena 384. Hi tgħid li fiha kienet meqjuma l-kolonna tal-Flaġellazzjoni u li kienet il-post fejn niżel l-Ispirtu s-Santu nhar Pentekoste u fejn Kristu deher lill-Appostli u lil Tumas wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet.

Il-Lezzjunarju Ġorġjan jgħid li l-Knisja ta' *Hagia Sion* reġgħet inbniet bejn is-snin 387 u 417 mill-Isqof Ġwann ta' Ġerusalemm. Fis-sena 415 inġiebu fiha r-relikwi ta' San Stiefnu. Meta żaret il-knisja Paula, waħda mid-dixxipli ta' San Ġirolmu, fis-sena 404, hi rat il-kolonna li magħha Ġesù ġie fflaġellat, li kienet meqjuma fil-portiku tal-knisja.

Fis-sekli 5 u 6 il-Knisja ta' *Hagia Sion* ġiet identifikata wkoll mad-dar li fiha għexet u mietet il-Verġni Marija, wara li marret tgħix mal-Appostlu San Ġwann wara l-Kurċifissjoni. Nibtet ukoll it-tradizzjoni li hemmhekk kienet saret l-Aħħar Ċena nhar Ħamis ix-Xirka. Theodosius jiddeskrivi l-Knisja ta' *Hagia Sion* bħala l-omm tal-knejjes kollha, imwaqqfa mill-Mulej innifsu u l-Appostli.

Il-mappa tal-mużajk tal-paviment tal-Knisja ta' San Ġorġ f'Madaba (c. 600) turi l-Knisja ta' *Hagia Sion* bħala bażilika kbira li fiha portiku


*Gerusalemm fil-Mappa tal-muzajk f'Madaba*



*L-Aħħar Ċena*

doppju. Barra mill-kolonna tal-Flaġellazzjoni, kienet meqjuma fiha wkoll il-Kuruna tax-Xewk, musbieħ li dawwal l-Aħħar Ċena, u fis-sagristija l-ġebel li bihom kien ġie mħaġġar San Stiefnu. Il-Pellegrin ta' Piacenza (c. 570) jsemmi wkoll relikwi oħrajn, fosthom il-ġebla tax-xewka li l-bennejja warrbu, il-qarn li intuża biex bih jissawwab iż-żejt fid-dilka tar-rejiet ta' Ġuda, il-Lanċa Mqaddsa, kolonna li fuqha kien tqiegħed is-salib li fuqu sallbu lil San Pietru f'Ruma, u l-kalċi li użaw l-Appostli biex jiċċelebraw il-Quddiesa wara l-Qamien mill-imwiet tal-Mulej.

## Il-qerda tal-Knisja ta' *Hagia Sion* u l-Knisja wara l-era Biżantina

Fl-invażjoni tal-Persjani fis-sena 614 il-Knisja ta' *Hagia Sion* ġiet maħruqa u meqruda. Wara din il-qerda ġiet restawrata mill-Abbati Modestos. Ma nafux eżattament xi ħsarat kienet ġarrbet, għax il-knisja li tiġi deskritta fis-sekli 7 u 8 ftit kienet differenti minn dik li kien hemm qabilha. Qrib is-sena 685 Arculf isemmi il-ġebla tal-martirju ta' San Stiefnu u l-kolonna tal-Flaġellazzjoni. Hu ddisinja l-knisja bħala binja rettangolari, li kellha l-kolonna tal-Flaġellazzjoni fiċ-ċentru. Iċ-Ċenaklu (il-Kamra ta' Fuq tal-Aħħar Ċena) kien jiġi muri fir-rokna tax-xlokk, il-post fejn niżel l-Ispirtu s-Santu fuq il-lbiċ, u d-dar fejn mietet il-Verġni Marija fuq il-majjistral. Fis-snin 724-725 żar il-knisja San Willibald, u jgħid li ra l-post fejn Marija kienet mietet u kolonna quddiem il-bieb li jwassal għal Siloam, u li kien jimmarka l-post fejn il-Lhud kienu ppruvaw jisirqu l-ġisem ta' Marija meta l-Appostli kienu qed iġorruh għad-difna lejn il-Wied ta' Ġosafat.

Għandna deskrizzjoni tal-Knisja ta' *Hagia Sion* fil-*Vita Constantini* (c. 715 - c. 1009). Din tgħid li l-Imperatriċi Elena "bniet knisja kbira u wiesgħa li kellha saqaf miksi biċ-ċomb. Fuq in-naħa ta' wara tas-santwarju u fil-lemin tal-knisja kienet inkludiet id-Dar tad-Dixxipli, il-post li fih kienu nħbew minħabba l-biża' mil-Lhud, u fejn Kristu dehrilhom wieqaf meta l-bibien kienu magħluqin. Fuq ix-xellug kienet poġġiet il-kolonna tal-porfidu li magħha Kristu ġie marbut u fflaġellat mil-Lhud. Fuq il-lemin tal-presbiterju hemm il-Fonti u l-post tal-Inżul tal-Ispirtu s-Santu nhar Pentekoste. Fuq ix-xellug tad-*diacónicon* fejn hemm il-qabar tal-Profeta David, l-imqaddsa Elena għamlet il-Preżentazzjoni tal-Anáphora mqaddsa."

L-assoċjazzjoni tal-qabar tar-Re David mal-Għolja ta' Sijon kienet bdiet fis-seklu 5, meta t-tifkira ta' San David kienet iċċelebrata nhar il-25 ta' Diċembru, flimkien ma' San Ġakbu Isoqf ta' Ġerusalemm (Lezzjunarju Armen). Jidher li l-qabar ta' David kien fid-*diacónicon*, li kien jinsab fix-xaqliba tan-nofsinhar tal-knisja.

Il-Knisja ta' *Hagia Sion* kienet għadha wieqfa f'nofs is-seklu 10, imma

f'Mejju 966 il-Musulmani attakkawha u ħarquha. X'aktarx li l-knisja sofriet qerda totali taħt il-Kaliff fanatiku al-Hākim fis-sena 1009, meta nqerdet ukoll il-Knisja tal-Qabar ta' Kristu. Yahyā Ibn Sa'īd, fi żmien il-Kaliff al-Zāhir (1021-1036) jgħid li qabel it-terremot tal-1033-1034, il-ħitan ta' Ġerusalemm reġgħu nbnew u l-uffiċjali kellhom ordni li jeqirdu l-Knisja ta' *Hagia Sion* u knejjes oħrajn biex bil-ġebel tagħhom jibnu l-ħitan tal-belt. Meta bnew il-ħitan l-Għolja ta' Sijon ħallewha barra mill-ħitan, kif għadha sal-lum.

## Il-Knisja ta' *Hagia Sion* fi żmien il-Kruċjati

Meta l-Kruċjati waslu Ġerusalemm fis-sena 1099 huma sabu l-Knisja ta' *Hagia Sion* imġarrfa għal kollox. Il-Kruċjati, taħt il-kmand ta' Raymond de St-Gilles, okkupaw iż-żona tal-belt mit-Torri ta' David sal-Għolja ta' Sijon. Fit-8 ta' Lulju 1099 il-Kruċjati għaddew maġenb il-Knisja ta' Santa Marija ta' *Hagia Sion* fil-purċissjoni li għamlu madwar il-belt ta' Ġerusalemm mill-Għolja taż-Żebbuġ.

Wara li l-Kruċjati daħlu Ġerusalemm, id-Duka Goffredu de Bouillon reġa' waqqaf il-monasteru tal-Għolja ta' Sijon. Ma nafux fil-bidunett kif kien il-monasteru, għalkemm kellu privileġġi li kienu ġew konfermati mill-Papiet Urbanu II (1088-1099), Paskal II (1099-1118), Innoċenz II (1130-1143) u Ewġenju III (1145-1153). Ir-Re Baldwin I ukoll estenda l-proprjetà kollha tal-Għolja ta' Sijon u taha lill-monasteru sal-Bieb ta' Sijon. F'Ġunju 1112 jissemma prijur tal-Għolja ta' Sijon ċertu Arnulf. Il-komunità tal-kanoniċi għażlet ir-Regola ta' Santu Wistin. Fl-1166 jissemma l-ewwel Abbati, Gunther. Il-pellegrin Theodoric iddeskriva l-komunità tal-Għolja ta' Sijon fl-1172, li kienet tikkonsisti f'kanoniċi regolari taħt Abbati (*praepositus*). Ġwann ta' Ibelin fl-1180 identifika l-Abbati bħala suffraganju tal-Patrijarka ta' Ġerusalemm.

Għandna deskrizzjoni tal-Knisja ta' *Hagia Sion* minn Saewulf fl-1102-1103. Jikteb: "Il-knisja tal-Ispirtu s-Santu tinsab fuq l-Għolja ta' Sijon barra l-ħitan. Hemmhekk l-Appostli rċevew il-wegħda tal-Missier, jiġifieri tal-Ispirtu s-Santu, id-Difensur, nhar Pentekoste, u hemmhekk sawru l-kredu. F'dik il-knisja hemm kappella fil-post li fih mietet il-Verġni Marija; fuq in-naħa l-oħra tal-knisja hemm kappella fil-post fejn il-Mulej Ġesù Kristu deher lill-Appostli wara l-Qawmien mill-imwiet ... Hemmhekk Hu kiel mad-dixxipli qabel il-Passjoni u ħaslilhom riġlejhom. F'dak il-post għad hemm il-mejda tar-rħam li fuqha kiel; u hemm ir-relikwi ta' San Stiefnu, Nikodemu, Gamaljel u Abibo, li ndifnu hemmhekk mill-patrijarka Ġwann wara li nstabu."

L-Abbati Russu Danjel, fis-snin 1106-1108, jgħid li l-knisja kienet wieqfa u li hemmhekk kien hemm id-dar ta' Ġwann it-Teologu (kif l-Orjentali jsejħu lill-Appostlu Ġwanni): "F'dak il-post hemm knisja kbira ta' Sijon il-Qaddisa, forma kwadra li għandha saqaf tat-travi tal-injam, u li tinsab tefgħa ta' ġebla bogħod mill-ħajt tal-belt. F'din il-knisja fuq is-Sijon hemm kamra wara l-altar, u f'din il-kamra Kristu ħasel riġlejn id-dixxipli, u f'kamra oħra Kristu għamel l-Aħħar Ċena mad-dixxipli. Minn din il-kamra fid-direzzjoni ta' nofsinhar, inti titla' taraġ lejn il-Kamra ta' Fuq: din hi sala sabiħa, wieqfa fuq pilastri u b'saqaf, imżejna bil-mużajċi u paviment sabiħ, u li għandha altar fuq il-lvant. Hawnhekk kienet il-kamra ta' Ġwann it-Teologu, li fiha Kristu kiel mad-dixxipli. Hawnhekk Ġwanni mtedd fuq sider Kristu u staqsa: 'Mulej, min hu dak li se jittradik?' (Ġw 13,25). Fl-istess post l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-appostli nhar Pentekoste. F'din il-knisja, fix-xaqliba tan-nofsinhar, hemm kamra

oħra, isfel, u hi baxxa. Kien f'din il-kamra li Kristu deher lid-dixxipli tiegħu meta l-bibien kienu magħluqa u qagħad f'nofshom u qalilhom: 'Il-paċi magħkom.' Hawnhekk ġiegħel lil Tumas jemmen fit-tmien jum. Hawnhekk tinsab ukoll il-ġebla mqaddsa li anġlu ġab mill-Muntanja tas-Sinaj. Fuq in-naħa l-oħra tal-knisja, fil-punent, hemm kamra oħra baxxa. F'din il-kamra kienet mietet l-Omm Qaddisa ta' Alla. Dawn il-ġrajjiet seħħew kollha fid-dar ta' Ġwann it-Teologu."

Dawn id-deskrizzjonijiet juru li ftit kien sar tibdil minn kif il-Knisja ta' *Hagia Sion* kienet minn dejjem. Isfel kien jiġi mfakkar il-ħasil tar-riġlejn u d-dehra tal-Mulej irxuxtat lill-Appostli, filwaqt li fuq kienu jiġu murija l-postijiet tal-Aħħar Ċena u ta' Pentekoste. Fuq ix-xaqliba tal-majjistral tal-knisja kienet titfakkar id-Dormizzjoni ta' Santa Marija.

Fl-1141 il-Knisja ta' *Hagia Sion* kien sar fiha konċilju msejjaħ mil-legat papali, Pietru, Arċisqof ta' Lyons, li fih ħa sehem il-*Catholicus* Armen, Gregorju III.

Għalkemm ma hemmx dokumenti li juru li, fi żmien ir-Renju Latin, il-Knisja ta' *Hagia Sion* ġiet mibnija mill-ġdid, għandna xhieda ta' Benjamin ta' Tudela, li żar Ġerusalemm fl-1169-1171, li jgħid li l-unika binja fuq is-Sijon kienet knisja Kristjana. Isemmi wkoll it-tradizzjoni li kienet tgħid li hemmhekk kien hemm l-oqbra tar-Re David u s-suċċessuri tiegħu. Jikteb li, qrib is-snin 1154-1156, wieħed mill-ħitan tal-Knisja ta' *Hagia Sion* iġġarraf, u l-patrijarka kkmanda li jissewwa b'ġebel oriġinali mis-Sijon. Xi ħaddiema skoprew id-daħla tal-qabar ta' David, li kien jinsab f'kamra kbira tistrieħ fuq pilastri miksijin bil-fidda u d-deheb, li quddiemhom instabet mejda tad-deheb b'xettru u kuruna. Fuq ix-xellug kien hemm il-qabar ta' Salamun u dawk tar-rejiet l-oħrajn. Il-ħaddiema ma setgħux jersqu lejn din il-kamra, għax forza misterjuża imbuttathom 'il barra. Il-patrijarka tkellem mar-Rabbi Abraham ha-Hasīd al-Constantīnī, li kien jgħix Ġerusalemm, li identifika l-qabar bħala dak tar-Re David. Il-patrijarka għalhekk iddeċieda li jerġa' jagħlaq dak il-post. Din l-istorja nħolqot fuq il-mudell tar-rakkont ta' Josephus Flavius rigward ir-Re Erodi li ipprova jsib il-qabar ta' David, imma forsi tindika li tassew instab xi qabar antik, imma forsi fil-ħajt ta' madwar l-Għolja ta' Sijon aktar milli li fil-knisja nnifisha.

Id-deskrizzjonijiet tal-pellegrini tal-era Kruċjata jirreferu għall-bażilika bil-kolonni u b'saqaf tat-travi tal-injam, li fis-seklu 11 jew x'aktarx fl-ewwel nofs tas-seklu 12 ġiet restawrata mill-Kruċjati u mbagħad mibdula fil-binja Romanika li għadhom jeżistu fdalijiet tagħha. Il-mappa ta' Cambrai (c. 1150) turi bażilika twila b'abside, li kellha torrijiet fuq il-lvant, u torri ieħor fuq il-punent.

Deskrizzjoni ta' madwar is-sena 1160 x'aktarx tiddeskrivi l-bażilika Kruċjata kif kienet reġgħet ġiet mibnija. "Fix-xaqliba tan-nofsinhar tal-Għolja ta' Sijon inbniet knisja sabiħa ad unur ta' Santa Marija, li fiha hi għaddiet lejn is-sema ... Fuq ix-xellug hemm il-kappella tal-*Praetorium*, fejn Kristu ġie ġġudikat. Fuq il-lemin hemm il-Galilija, fejn il-Mulej deher lil Xmun Pietru u lin-nisa. Fuqha, maġenb il-kor, hemm il-post fejn l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli, u f'dik l-istess knisja hemm il-mejda li fuqha Kristu kiel, meta qal: 'Ħudu u kulu, dan hu ġismi.' Taħt hemm il-post fejn ħasel riġlejn id-dixxipli ... Fl-istess post waqaf Ġesù, meta qal: 'Il-paċi magħkom,' u fejn Tumas seta' jmiss il-ġenb tal-Mulej. Fuq ix-xellug hemm l-altar ta' San Stiefnu, fejn dan ġie midfun."

Johannes von Würzburg iddeskriva l-knisja fl-1165. Hu jagħmilha ċara li, filwaqt li l-post tal-Aħħar Ċena kien jinsab fis-sular ta' fuq, dak tal-ħasil tar-riġlejn

kien fil-kripta, taħtu. Jgħid li l-post li fih Ġesù deher lid-dixxipli mill-Galilija jissejjaħ, appuntu, Galilija. Jgħid li d-dehriet ta' Kristu rxuxtat seħħew fil-kripta tal-knisja kbira, kif ukoll il-post li fih il-Mulej ħasel riġlejn l-Appostli. Dwar l-inżul tal-Ispirtu s-Santu jgħid li l-post kien l-istess wieħed tal-Aħħar Ċena. Isemmi wkoll li fil-knisja kien hemm *ciborium*, li jfakkar il-post li fih mietet il-Verġni Marija. Jiddeskrivi wkoll it-tiżjin tad-diversi postijiet b'mużajċi u kliem kommemorattiv.

Theodoric jiddeskrivi l-Għolja ta' Sijon fl-1172: "L-Għolja ta' Sijon tinsab fin-nofsinhar u fil-parti kbira tagħha hi barra mill-ħitan tal-belt. Fiha knisja li għandha t-titlu ta' Santa Marija u li hi fortifikata b'ħitan, torrijiet u swar, kontra l-infidili; fiha l-kanoniċi regolari jaqdu lil Alla taħt Abbati (*praepositus*). Meta tidħol fiha, issib f'nofs l-abside fuq ix-xellug, il-post meqjum u mżejjen bi rħam u mużajċi, fejn il-Mulej Ġesù Kristu laqa' r-ruħ tal-omm maħbuba tiegħu, Santa Marija, u tellagħha fis-sema. Il-kamra hi kwadra taħt u fuqha hemm *ciborium*. Fin-nofsinhar, permezz ta' 30 tarġa, wieħed jitla' fil-kamra ta' fuq (*cenaculum*), li jinsab f'tarf l-abside li fiha tintwera l-mejda li fuqha l-Mulej innifsu kiel mad-dixxipli tiegħu, u tahom il-misteru tal-ġisem u d-demm qaddis tiegħu. Xi tletin pied minn dak il-post, fl-istess kamra ta' fuq, hemm altar fil-post fejn l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli. Minn hemm wieħed jinżel it-taraġ u jara l-kappella li hemm taħt il-kamra ta' fuq, fejn hemm il-ħawt fil-ħajt li fih is-Salvatur ħasel riġlejn l-Appostli. Fil-lemin tal-altar hemm il-post fejn Tumas seta' jmiss il-ġenb tal-Mulej wara l-Qawmien mill-imwiet. Minn hemm wieħed jgħaddi minn *vestibulum* madwar is-santwarju tal-knisja; fuq it-tramuntana tiegħu hemm altar li taħtu jinsab il-ġisem

*Dehra fuq iċ-Ċenaklu mill-koppla tal-Abbazija tad-Dormizzjoni*



tal-imqaddes protomartri Stiefnu, midfun hemmhekk minn Ġwann, Isqof ta' Ġerusalemm, u li wara ttieħed minn Kostantinopli lejn Ruma mill-Imperatur Theodosius, wara li fil-bidunett kien ittieħed minn Ġerusalemm lejn Kostantinopli mir-Reġina Elena."

Qrib l-1180 il-kamra ta' fuq kienet tissejjaħ il-kappella tal-Ispirtu s-Santu. L-oqbra ta' David u Salamun kienu jintwerew fil-knisja, x'aktarx fl-istess post tal-qabar ta' San Stiefnu, għalkemm it-tradizzjoni aktar antika kienet tqegħedhom fid-*diacónicon* fuq in-nofsinhar tal-abside.

L-aħħar deskrizzjoni tal-knisja qabel ma Saladin daħal Ġerusalemm u keċċa lill-Kruċjati jagħthielna l-Grieg Ġwann Phocas fl-1177: "Hemm kastell, li fih hemm l-*Hagia Sion*, omm il-Knejjes kollha; din hi knisja kbira ħafna u għandha saqaf bil-volta. Meta wieħed jidħol mill-bibien sbieħ tagħha, fuq ix-xellug isib id-dar ta' San Ġwann l-Evanġelista, fejn il-Verġni mbierka għexet wara r-Reżurrezzjoni, u fejn għalqet għajnejha. F'dak il-post hemm kamra żgħira mdawra b'kanċell tal-ħadid. Fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja, fuq il-lemin tal-altar, hemm il-kamra ta' fuq, li titla' għaliha minn 61 tarġa. Din il-knisja għandha erba' arkati u koppla. Fix-xellug tal-kamra ta' fuq jidher il-post fejn seħħet l-Aħħar Ċena; fl-abside seħħ l-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli. Fil-parti ta' taħt tal-knisja seħħ il-Ħasil tar-Riġlejn. Faċċata hemm kappella fil-post li fih Kristu daħal quddiem l-Appostli, għalkemm il-bibien kienu magħluqin. Hawnhekk, wara li ġie mħaġġar, il-protomartri Stiefnu ġie midfun, sakemm Gamaljel ħadu post ieħor."

## Il-Knisja ta' *Hagia Sion* wara l-waqgħa ta' Ġerusalemm

Wara li Saladin rebaħ il-belt ta' Ġerusalemm fl-1187, insibu deskrizzjoni tal-Knisja ta' *Hagia Sion* fil-kronaka ta' Ernoul, li jgħid li bejn il-knisja u l-ħajt tal-belt kien hemm ċimiteru li fih kien hemm il-Knisja ta' San Salvatur (fejn illum hemm iċ-ċimiteru tal-Armeni). Wara l-waqgħa ta' Ġerusalemm, is-sultan Malik al-'Ādil waqqaf fuq is-Sijon ir-residenza tiegħu, imma fl-1192 nafu li l-pellegrini setgħu jżuru l-Knisja, li kienet abbandunata, u hemmhekk iqimu l-post tad-Dormizzjoni tal-Verġni Marija u ċ-Ċenaklu.

Meta Saladin reġa' bena s-swar ta' Ġerusalemm fl-1192, dawwar l-Għolja ta' Sijon bil-ħitan. Dawn jissemmew fl-1211-1212 meta żar Ġerusalemm Wilbrand von Oldenburg, li jgħid li fil-monasteru kienu jgħixu s-Sirjani Ortodossi li kienu jħallsu t-taxxi lis-Saraċini. Jitkellem mis-Sijon bħala l-post li fih niżel l-Ispirtu s-Santu u li fih mietet il-Verġni Marija.

Il-Knisja u monasteru ta' *Hagia Sion* jidhru li baqgħu weqfin wara li Saladin rebaħ Ġerusalemm, imma nafu li fl-1219-1220, waqt il-Ħames Kruċjata ta' Damietta, fl-Eġittu, is-sultan ta' Damasku, Sharaf ad-Dīn al-Mu'azzam 'Īsā, li kien jiġi ħu s-sultan tal-Eġittu al-Mālik al-Kāmil, ħatt is-swar ta' Ġerusalemm, biex jekk il-Kristjani jerġgħu jirbħuha jsibuha mingħajr fortifikazzjonijiet. X'aktarx dan kien il-mument li fih inqerdet il-Knisja Kruċjata ta' *Hagia Sion*. Il-parti li kienet tagħlaq iċ-Ċenaklu, iżda, ma ġietx meqruda, forsi minħabba li kienet marbuta mal-qabar ta' David. Żgur li fl-1244 il-Kwariżmjani għamlu ħerba sħiħa mill-knisja, hekk li s-Sirjani Ortodossi kellhom jabbandunawha.

Għalkemm iċ-Ċenaklu ma baqax iżjed f'idejn Kristjani, għandna x-xhieda ta' pellegrini li żaruh, fosthom Burcardo tal-Għolja ta' Sijon (c. 1283) u Ricoldo di Montecroce (1288-1291), li jikteb li iċċelebra l-Quddiesa bil-moħbi bil-biża' li jaqbduh is-Saraċini u joqtluh. Hu jikteb: "Fil-belt qaddisa ta' Ġerusalemm sibt li l-Knisja mqaddsa

fuq l-Għolja ta' Sijon is-Saraċini kienu bidluha fi stalla… Il-post jinsab abbandunat u mingħajr nies, ħlief għas-Saraċini li ħallew wieqfa l-kamra ta' fuq fil-post fejn l-Appostli rċevew l-Ispirtu s-Santu, u fejn l-istess Saraċini lejl u nhar ikantaw l-innijiet tal-qarrieq Muħammad, jiġifieri il-Qur'an."

## L-istorja tal-Għolja ta' Sijon bil-wasla tal-Franġiskani (1333 - 1551)

Fil-bidu tas-seklu 14, ir-rovini tal-Għolja ta' Sijon, inkluża l-binja taċ-Ċenaklu, reġgħu għaddew bil-mod il-mod f'idejn Kristjani, bl-akkwist tal-proprjetà mill-Franġiskani, permezz ta' fra Roger Guérin, bl-għajnuna ta' Donna Margherita di Sicilia tal-Ospizju tal-Pellegrini f'Ġerusalemm (1333) u tar-Re Roberto d'Anjou ta' Sqallija u r-Reġina Sancia di Maiorca, li akkwistaw bi fjorini tad-deheb din il-proprjetà mis-sultan Melek al-Nasir Muħammad tal-Kajr u bnew kunvent lill-Franġiskani fl-1335.

Il-pellegrin Franġiskan Antonio de' Riboldi da Cremona, li ġie l-Art Imqaddsa wara l-1327 minn Famagusta, Ċipru, jagħtina deskrizzjoni dettaljata tal-Knisja ta' *Hagia Sion* f'dawn is-snin, immedjatament qabel il-wasla definittiva tal-Franġiskani. Isemmi l-qabar ta' David, il-kamra tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli, il-post fejn Ġesù ħasel riġlejn l-Appostli, il-post fejn Hu deher lill-Appostli wara li qam mill-imwiet, u speċjalment iċ-Ċenaklu. Dwar dan tal-aħħar jikteb: "Billi ridna nerġgħu lura fil-knisja tal-Patrijiet Minuri, sibna bieb żgħir iħares lejn il-lbiċ. Quddiem il-bieb hemm tliet tarġiet kbar. Il-knisja ġewwa hi twila 24 pied u wiesgħa 16-il pied, u fin-nofs hemm imdendla purtiera sewda, li tifirdek mill-kor, fejn joqogħdu l-Patrijiet, u ġewwanett fil-knisja hemm altar. Lejn ix-xellug tal-altar, fuq il-ħajt tat-tramuntana, hemm żewġ altari; u fuq il-lemin tal-altar maġġur, fil-ħajt tan-nofsinhar, hemm arkata 7 piedi wiesgħa u f'riġlejha żewġ tarġiet u fuqha lampier kbir li dejjem mixgħul. Hemmhekk Kristu għamel l-Aħħar Ċena mal-Appostli nhar Ħamis ix-Xirka, u hemmhekk Hu waqqaf is-Sagrament Imqaddes."

Il-bini tal-kunventin Franġiskan fuq l-Għolja ta' Sijon (li għadu jidher il-kjostru tiegħu) tkompla fis-seklu 14. Fl-1351, Cola di Rienzo, li kien ġie maqful il-ħabs mill-Imperatur Karlu IV fi Praga, talab lid-direttur spiritwali tiegħu, Michele di Monte S. Angelo, biex jibgħat fondi lill-Franġiskani f'Ġerusalemm, biex ikomplu l-binja tal-knisja tal-Għolja Sijon li kienet bdiet ir-Reġina Sancia. Fl-1352, maġenb iċ-Ċenaklu, twaqqaf ospizju u sptar għall-pellegrini foqra, minn armla minn Firenze, Sophia de Arcangelis (cfr. N. KLIMAS, *Monte Sion francescano: l'ospizio dei pellegrini e il santuario del Cenacolo fra il XV e il XVI secolo*, in *Frate Francesco* 79 (2013) 373-424).

L-istil arkitettoniku tas-Sala ta' Fuq jew Ċenaklu, kif irranġata mill-Franġiskani fis-seklu 14 juri stil gotiku tipiku b'influssi minn Ċipru, minn fejn x'aktarx oriġina l-istil tiegħu. Fil-fatt l-arkitettura Ċiprijota ta' żmien ir-rejiet Lusignan fil-gżira turi xebh kbir maċ-Ċenaklu, kif wieħed jista' jara fil-Khan ta' Nicosia.

Fl-1365, meta Pietru I ta' Ċipru attakka Lixandra, il-patrijiet ġew meħudin fil-ħabs f'Damasku, fejn mietu. Fl-1370 ġie l-permess biex komunità ġdida ta' patrijiet tirritorna fuq l-Għolja ta' Sijon. Fi tmiem is-seklu 14, pellegrin Russu kkonferma li l-knisja prinċipali kellha biss volta waħda fuq l-altar li kienet għadha wieqfa.

Fl-1429, il-Lhud irnexxielhom ikeċċu lill-Franġiskani mill-qabar ta' David, imma l-awtoritajiet Musulmani ma tawhx lil-Lhud imma biddluh f'moskea. Fl-1430 reġa' ngħata lill-Franġiskani, hekk


Kripta tad-Dormizzjoni tal-Madonna

li fl-1431 Mariano da Siena jikteb li daħal fih, imma jgħid li l-kappella tal-Ispirtu s-Santu, li tinsab fuqu, kienet imġarrfa.

Mill-1436 il-Franġiskani kienu jirċievu għotjiet minn Philippe le Bon, duka ta' Bourgogne, biex iħallsu d-djun li kellhom u jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu fuq l-Għolja ta' Sijon. Matul is-saltna ta' al-Ashraf Sayf al-Dīn Barsbay (1422-1438) tkompliet il-ħidma biex terġa' tinbena l-kappella tal-Ispirtu s-Santu, maġenb iċ-Ċenaklu. Għalkemm il-patrijiet akkwistaw *firmani* favur il-proprjetà tagħhom, f'Lulju 1452, taħt is-Sultan al-Zāhir Sayf al-Dīn Jaqmaq, il-Musulmani reġgħu qerdu l-kappella tal-Ispirtu s-Santu u ħatfu l-qabar ta' David li hemm taħtha. Il-kappella tal-Ispirtu s-Santu reġgħet inbniet fl-1462, imma mill-ġdid ġiet meqruda mill-Musulmani fl-1468, wara l-mewt tas-Sultan al-Zāhir Sayf al-Dīn Khūshqadam. Anselmo di Adorno, li żar Ġerusalemm wara din il-qerda, jgħidilna li l-kappella tal-Ispirtu s-Santu kienet 13-il tarġa aktar għolja mis-sala taċ-Ċenaklu, u li l-insara ma setgħux iżuruha.

Id-Dumnikan Svizzeru Felix Faber għex fil-kunvent tal-Għolja ta' Sijon fl-1480-1483. Hu jiddeskrivi l-fdalijiet tal-Knisja tal-*Hagia Sion*: "Dħalna fil-kor antik tal-knisja ta' Sijon, li hi meqruda għal kollox, ħlief il-parti tal-lvant, fejn għad hemm ħajt wieqaf u volta mkissra mdendla fuqu ... Għadha wieqfa l-parti ta' ġewwa tal-kor, bit-tieqa fil-lvant, u volta nofsha mkissra li thedded li tiġġarraf. Fil-knisja hemm it-taraġ li mill-post fejn l-Ispirtu s-Santu niżel iwasslek fuq dik il-volta mkissra. Tlajtu u sibt fuq il-volta mkissra paviment ta' rħam illustrat ta' ħafna lwien. Għalhekk nimmaġina li qabel kien hemm knisja oħra fuq din il-knisja u kor. Hekk il-knisja ta' Sijon x'aktarx kellha tliet sulari - il-kripta taħt l-art, il-knisja, u kamra oħra mżejna fuq il-knisja. Fil-kor antik għadu wieqaf l-altar maġġur, imma hu mfarrak."

Fl-1488-1489, bil-permess tal-Emir Daqmaq al-Nā'ib, il-patrijiet bnew kappella ġdida tal-Verġni Marija barra ċ-Ċenaklu u talbu biex jerġgħu jingħataw il-qabar ta' David. Imma fl-1490 l-awtoritajiet Musulmani iddeċidew kontrihom u ordnawlhom iħottu l-bini tal-kappella.

Mal-miġja tat-Torok Ottomani fil-Palestina (1517) beda żmien diffiċli għall-Franġiskani. Fit-18

ta' Marzu 1523, is-Sultan Sulaymān II ordna lill-gvernatur ta' Damasku biex ikeċċi lill-Franġiskani mill-Għolja ta' Sijon. Bl-indħil tar-Repubblika ta' Venezja dan l-ordni ġie revokat, imma l-gvernatur kien diġà keċċa lill-patrijiet. Fuq il-ħajt tal-lvant taċ-Ċenaklu tqiegħdet iskrizzjoni li tfakkar li anke s-sala ta' fuq issa saret moskea bl-ordni ta' Sheikh al-Shamsī Muħammad al-'Ajjamī fis-sena 930 tal-Eġira (8 ta' Jannar 1524). Fis-26 ta' Marzu 1525 il-patrijiet tħallew iżommu xi kmamar tal-kunvent u kamra taħt iċ-Ċenaklu bħala kappella, imma tilfu ċ-Ċenaklu.

Fl-1536-1541 il-ħitan ta' Ġerusalemm inbnew kif narawhom illum, imma l-Għolja ta' Sijon, għal darba oħra, tħalliet barra mill-ħitan tal-belt. Fit-2 ta' Ġunju 1551 ħareġ *firman* li ordna li l-Franġiskani kellhom jitkeċċew mill-kunvent ta' Sijon. B'hekk iċ-Ċenaklu, il-kappella tal-Ispirtu s-Santu u l-qabar ta' David spiċċaw kollha f'idejn it-Torok u l-Għarab Musulmani. Billi l-Musulmani ħadu f'idejhom ukoll il-kunvent, il-kjostru u l-fdalijiet tal-Knisja antika ta' *Hagia Sion*, il-patrijiet kellhom isibu kenn ftit bogħod, f'binja li kienet tissejjaħ it-Torri tal-Forn. Il-pellegrini kienu jitħallew iżuru ċ-Ċenaklu bil-lejl, wara li jħallsu lill-għassiesa Musulmani.

Il-patrijiet ippruvaw isewwu l-binja tal-forn fejn kienu jgħixu fl-1555, imma dan ma tħallewx jagħmluh. Hekk fl-1558-1559 kellhom jitilqu mill-Għolja ta' Sijon. Għall-ewwel għexu għal xi żmien fil-kumpless tal-monasteru tal-Armeni, maġenb il-knisja tal-Arkanġli Mqaddsa, sakemm fl-1559, fi żmien il-Kustodju Bonifacio di Ragusa (Dubrovnik) għaddew fil-monasteru ta' al-Amud, li kien ta' sorijiet rħieb Ġorġjani, fix-xaqliba tal-majjistral ta' Ġerusalemm, fejn illum hemm il-kunvent ta' San Salvatur.

## Iċ-Ċenaklu taħt ħakma Musulmana u wara t-twaqqif tal-iStat ta' Israel

Fil-bidu tas-seklu 17 Bernardino Amico għamel pjanta taċ-Ċenaklu. Qabel l-1639 ġie mibni *maqam* b'koppla fil-post fejn qabel kien hemm il-kappella tal-Ispirtu s-Santu. Mill-1831 il-Franġiskani tħallew jiċċelebraw fiċ-Ċenaklu, imma biss nhar Ħamis ix-Xirka u f'Pentekoste, u ma setgħux jiċċelebraw il-Quddiesa imma biss jagħmlu *peregrinatio*. Wara li t-Torok Ottomani tilfu l-Palestina fl-1917 kien hemm it-tama li l-Kattoliċi setgħu jerġgħu jirriklamaw lura ċ-Ċenaklu bl-għajnuna tal-Italja, li kienet meqjusa s-suċċessur tar-renju ta' Napli u Sqallija, li taħtu fi żmien Roberto d'Anjou nxtara ċ-Ċenaklu u ngħata lill-Franġiskani. Imma taħt il-Mandat Ingliż iċ-Ċenaklu tħalla f'idejn il-kontroll tal-Musulmani. Meta ġie ddikjarat l-iStat ta' Israel fl-1948, l-Għolja ta' Sijon bdiet tagħmel parti mit-territorju Israeljan, għax kienet barra mill-ħitan tal-belt ta' Ġerusalemm li kienet f'idejn il-Ġordanja. Il-binja taċ-Ċenaklu spiċċat għalhekk taħt il-kontroll tal-Ministeru Israeljan għar-Reliġjonijiet. Minn dak iż-żmien twaqqfet *yeshiva* (skola rabbinika) fejn qabel kien hemm il-kunvent tal-Franġiskani. Sadanittant, fl-1936, il-Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, irnexxielhom jibnu kunvent u kappella qrib iċ-Ċenaklu, fil-post fejn kellhom qabel it-Torri tal-Forn, li semmewh *San Francesco ad Cœnaculum*, u hekk reġgħu lura fuq l-Għolja ta' Sijon, imma mingħajr possibilità li jiċċelebraw fiċ-Ċenaklu.

## Il-bini tal-Abbazija Benedittina tad-Dormizzjoni tal-Verġni Marija

Fl-1898, l-Imperatur (Kaiser) tal-Ġermanja, Wilhelm II, waqt żjara li għamel fil-Palestina, akkwista mingħand is-Sultan 'Abd al-Hamīd II ġnien fil-majjistral taċ-Ċenaklu, li kien magħruf bl-isem ta' *al-Niyaha*, jew "in-newwieħa (tal-mejtin)", fejn kien hemm il-post tradizzjonali tad-Dormizzjoni tal-


*Dehra tal-Abbazija tad-Dormizzjoni fuq l-Għolja Sijon*

Verġni Marija. Saru skavi mill-arkitett Heinrich Renard biex ikun hemm provi li dak kien verament il-post qaddis, imma l-konklużjonijiet tiegħu mhumiex dejjem aċċettati mija fil-mija mill-istudjużi. Hu ippropona li l-Knisja Biżantina ta' *Hagia Sion* kienet testendi xi 57 metri mil-lvant għall-punent, u 40 metri mit-tramuntana għan-nofsinhar, u li ċ-Ċenaklu allura kien jinsab fix-xaqliba tal-lvant tal-ħajt tan-nofsinhar tal-knisja. Il-knisja ġdida li l-Kaiser Wilhelm ried jibni għall-Kattoliċi Ġermaniżi fil-Palestina (kien bena r-Redeemer Church ħdejn il-Qabar ta' Kristu għall-Protestanti Ġermaniżi), kellha tkopri n-naħa tal-majjistral tal-Knisja Biżantina ta' *Hagia Sion* kif hu kien jidhirlu li kienet, fejn kien hemm il-post tad-Dormizzjoni tal-Madonna.

L-ewwel ġebla tal-Knisja tad-Dormizzjoni, iddisinjata minn Renard fuq il-mudell ta' Aix-la-Chapelle (Aachen), u mibnija taħt id-direzzjoni ta' Theodore Sandel u ibnu Benjamin, tqiegħdet fis-7 ta' Ottubru 1900. Ġiet ikkonsagrata fl-10 ta' April 1910 mill-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm Filippo Camassei. Fil-21 ta' Marzu 1906 din il-knisja ingħatat lill-Benedittini tal-Kongregazzjoni ta' Bueron, u fl-1926 ġiet mogħtija t-titlu ta' Abbazija tad-Dormizzjoni.

L-arkeologu Dumnikan tal-École Biblique Francaise ta' Ġerusalemm, P. Louis-Hugues Vincent OP, ipprova jerġa' jeżamina l-iskavi ta' Renard. Hu rnexxielu jagħtina stampa aktar ċara taċ-Ċenaklu fl-1898, u fl-1920 finalment ħareġ il-konklużjonijiet tiegħu. Il-Knejjes Biżantina u Kruċjata ta' *Hagia Sion* kellhom essenzjalment l-istess pjanta, u kienu knisja rettangolari ta' 56 metri b'37 metri, li kellha abside fil-lvant. Meta saru skavi minn Dr. E. Eisenberg fl-1983, inkixfu xi partijiet tal-faċċata tal-punent tal-knisja Kruċjata, u magħhom żewġ daħliet laterali tax-xaqliba tal-majjistral tal-bażilika, li jindikaw li l-Knisja Kruċjata kienet xi 11-il metru itwal minn dik Bizantina.



# ĦARSA BIBLIKA LEJN IL-FAMILJA MQADDSA

*Fr Charles Buttigieg*

***"Qum, ħu miegħek lit-tifel u lil ommu, aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien, għax Erodi se jfittex lit-tifel biex joqtlu" (Mt 2:14).***

## Il-Festa tal-Familja Mqaddsa

Fil-Festa tas-Sagra Familja, niċċelebraw l-ikona vera tal-familja, il-familja Mqaddsa ta' Ġesù, Ġużeppi (bil-Grieg: ton andra) u Marija (bil-Grieg: ten gynaika autou). Din il-festa twaqqfet b'mod universali fil-kalendarju liturġiku tal-Knisja fl-1921 taħt il-Papa Benedittu XV u tiġi ċċelebrata dejjem il-Ħadd ta' wara l-Milied jew fit-30 ta' Diċembru meta l-Milied jaħbat il-Ħadd.

## Il-Qari tal-Liturġija tal-Festa

L-Ewwel Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak, naraw elaborazzjoni tar-raba' kmandament, fejn naraw ir-rispett lejn il-ġenituri huwa fuq kollox rispett lejn Alla. Bin Sirak iħeġġeġ sabiex inkomplu nirrispettaw dejjem lill-ġenituri b'mod partikulari meta huma anzjani u batuti. Dan hu l-veru għerf u l-biża' ta' Alla kif nesprimu fis-Salm 127: "Hieni kull min jibża' mill-Mulej". Anke San Pawl fit-Tieni Qari lill-Kolossin 3:12-21, jisħaq fuq din l-armonija familjari: "Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar" (v.12). Fl-Evanġelju, San Mattew jirrakkonta l-ħarba tal-Familja Mqaddsa għall-Eġittu mill-qilla ta' Erodi.

Illum fl-Eġittu hemm madwar sitt miljun nisrani. Huma l-maġġoranza tal-Insara fil-Lvant Nofsani. Insibu Insara Ortodossi, Kaldej, Armeni, Kopti, Sirjani, Maroniti, Melkiti u Kattoliċi, familja sabiħa ta' Insara li jgħixu fost miljuni kbar ta' musulmani. Ħafna huma dawk il-postijiet fl-Eġittu li jgħidu li minnhom għaddiet il-Familja ta' Nazaret. Il-liturġija kopta (minn quobtis jew ghpts li tfisser Eġizzjani) b'mod partikulari fost l-insara fl-Eġittu, teżalta ħafna l-preżenza tal-familja ta' Ġużeppi ġewwa l-Eġittu. Ħafna huma dawk il-postijiet fl-Eġittu marbuta mal-Familja Mqaddsa bħal Eliopoli (li hija l-belt ta' On fil-bibbja) xi 10 km 'il bogħod mill-Kajr, Matarieh, Zaitun, il-Kajr, Abu Sargha, Kalamonia, Bubaste, Bilbeis, Kosham, Samalut, Ermopoli u Assiut. Ma nistgħux inħallu barra l-preżenza tal-poplu ta' Israel ġewwa l-Eġittu fl-Antik Testment, kif insibu fil-ktieb tal-Eżodu; 'Ulied Israel damu jgħammru fl-Eġittu għal erba' mija u tletin sena.' (Eż 12:40). Issa fit-Testment il-Ġdid għandna r-ritorn tal-familja ta' Nazaret li ssib kenn ġewwa l-Eġittu biex timmarka 'eżodu ġdid': "Qum, ħu miegħek lit-tifel u lil ommu, aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien, għax Erodi se jfittex lit-tifel biex joqtlu" (Mt 2:14). (ara ukoll Iż 19:1-25; Os 11:1 ; Għerf 10:15-20 ; Ġen 37:28 u 45 :9, ara wkoll l-annali Theophilus, Patrijarka ta' Lixandra fir-raba' seklu).







Anke l-arti sagra tagħtina dettalji importanti dwar il-ħarba tal-Eġittu fejn naraw ġeneralment lill-Madonna fuq ħmar iġġorr fi ħdanha lil Ġesù u lil San Ġużepp imexxihom bi xkora fuq spalltu bi preżenza ta' anġlu dejjem takkompnajhom. Il-pittura ta' Ludovico Carracci tas-seklu sittax turi lill-Familja Mqaddsa taqsam il-Baħar l-Aħmar kif kien għamel il-poplu Lhudi ħafna sekli qabel. Anke l-Papa San Ġwanni Pawlu II fir-'Redemptoris Custos' fin-numru 14 jgħid li San Ġużepp, bħall-poplu tal-Antik Testment li kellu jgħaddi mit-triq tal-Eżodu biex jagħti bidu għall-patt il-qadim hekk ukoll Ġesù għamel din l-esperjenza biex iwettaq il-patt il-ġdid.



Fuq kollox il-vjaġġ lejn l-Eġittu hu vjaġġ diffiċli, il-biċċa kbira tal-vjaġġ taqsam id-deżert tal-peninsula tas-Sinaj wara li jkun għadda min-naħa t'isfel ta' Gaża għall-wied Aris, taħt xemx tikwi. Vjaġġ li jista' jieħu bejn għaxar u ħmistax-il ġurnata, għall-poplu Lhudi ħa erbgħin sena! It-tradizzjoni kopta żżomm li l-Familja Mqaddsa għaddiet minn Gaża għal El Zaraniq u għal Farma, qrib Port Said, għal Basta, Al Mahanna, Rosetta, Matarijah u Shams u għal Maady, Sandafa, Ermopoli u Philes, Meir u Gabal Qussqam fejn jingħad li San Ġużepp kellu d-dehra tal-anġlu sabiex jirritorna Nazaret, b'kollox kien vjaġġ matul ix-xmara twila tan-Nil ta' 2000 km. Naraw lill-Familja Mqaddsa li tħalli kollox u tfittex rifuġju f'dak il-post li jfakkar fi tbatijiet u fil-għaraq li ħallew missirijiethom. Tajjeb hawnhekk li niftakru llum f'dawk il-familji li jkollhom jemigraw minħabba ċ-ċirkostanzi ħżiena fejn jgħixu u li nitolbu għall-familji kollha tad-dinja.

Naħseb li l-familja ta' llum għandha bżonn terġa' tgħaddi minn dan l-'eżodu ġdid' sabiex tissaħħaħ u tiġġedded. Ilkoll nafu bil-problemi tal-familja llum u dan għaliex fil-familji tagħna forsi warrabna lil Kristu, forsi warrabna s-sens ta' sagrifiċċju u ta' tbatija. Il-familja hi teżor prezzjuż li jeħtieġ nieħdu ħsiebu u nħarsuha mill-'erodijiet' tal lum, l-'erodi' tad-divorzju u l-'erodi' ta' l-abort, fost tħassir ieħor li qed jolqot il-familji tagħna.

Il-familja għandha tkun mela dak li qal il-Papa Pawlu VI fl-'Evangelii Nuntiandi', 'bibbja miftuħa', il-Kelma ta' Alla miftuħa għad-dinja kollha; kif ukoll kien qal il-Papa San Ġwanni



Pawlu II fir-Raba' Laqgħa Mondjali tal-Familja f'Manila: 'Agħmlu mill-familja tagħkom paġna miktuba ta' l-evanġelju'.

## Riflessjoni għall-ħajja

Qed inkun strument ta' għaqda fil-familja tiegħi? It-talb għandu post ċentrali fil-familja jew qed inħalli l-karriera, il-flus, l-egoiżmu, jew l-wirt ikissru il-familja tiegħi. Dan jista' jkun l-impenn tagħna lkoll għas-sena ġdida. Ejjew insalvaw mela l-familji tagħna u ma nħallux lill-ħażen, lix-xitan fuq kollox ikisser il-familji tagħna. Ejjew inħallu lil Kristu isaltan tassew fil-familji tagħna Maltin u Għawdxin u anke jekk id-dinja ma tibqax tifhem iżjed dan il-valur tal-familja, aħna nibqgħu sodi u qawwija f'din l-verità tal-liġi ta' Alla, għall-ġid tal-familja u għall-ġid spiritawali u temporali ta' pajjiżna.

## Bibliografija


BOTTINI, C., *GLI ANNI OSCURI DI GESU'*, STUDIUM BIBLICUM FRANCISCANUM , JERUSALEM 1998.

FRÈRE EPHRAIM, *Giuseppe di Nazaret. Il mistero del padre*, Milano 1998.

*New American Standard Exhaustive Concordance of the Bible, Hebrew-Aramaic and Greek Dictionaries*, R.L. THOMAS (ed.), Nashville (TN) 1981.

STRAMARE, T., *Giuseppe lo chiamò Gesù (Matteo 1:25)*, Casale Monferrato (AL) 2001.

VERNET, J.M., *Tu Giuseppe*, Ancona 1997.

Zuffi, S., Episodi e personaggi del Vangelo, Milano 2002.



# ELIJA MEĦUD IS-SEMA (2 SLAT 2, 1-18)

***Mons Lawrenz Sciberras***

Dan huwa episodju li ġibed miegħu bosta interpretazzjonijiet uħud minnhom diffiċli wkoll. Biss wieħed jista' jaqsam din il-ġrajja ta' l-aħħar ta' ħajjet il-profeta f'żewġ partijiet: (a) il-vjaġġ tat-tluq u l-firda ( vv1-6) (b) il-ħtif lejn is-sema tal-profeta Elija (vv 14-18).



dejjem min-naħa ta' Elija. Iżda Eliżew ma waqafx hemm.

Dan ir-rakkont hekk imqanqal idomm fih realtà oħra, dak ta' sigriet minn taħt l-ilsien: "Taf int li illum il-Mulej se jeħodlok lil sidek minn miegħek. U weġibhom: 'Naf jien ukoll. Oqogħdu bi kwietkom.'" (v5). Donnu jidher li kollox huwa tassew mistur bil-qawwa kollha.

Ulied il-profeti li wħud kienu qegħdin Betel u oħrajn Ġeriko, għamlu mistoqsija lil Elija fejn urewh li kien hemm iva xi forma ta' sigriet imma xorta kulħadd kien jaf dwaru: U kif qatt saru jafu b'dan is-sigriet? Forsi qatt ulied il-profeta indunaw, mill-mod ta' kif Elija sellem lilhom, u dan b'mod maħtuf u mgħaġġel ħafna. Jew inkella mill-emozzjoni qawwija li Elija kien qed jgħaddi mill-bixra ta' wiċċu stess, jiġifieri li dik kellha tkun l-aħħar laqgħa flimkien magħhom.

Eliżew beda donnu jilgħab bil-kliem: "Jien naf iżda ma ngħidlux". In-narratur b'mod ċar juri li dawk preżenti – ulied il-profeti – kollha kienu jafu bil-ġrajja, imma għamlu finta li ma jafu b'xejn; u dan għaliex it-tluq tal-imgħallem (Elija) kienet ġrajja ta' niket tassew, u allura l-aħjar ħaġa kienet li wieħed ibiegħed minnu dan il-ħsieb xejn sabiħ

## Il-vjaġġ tal-profeta

Elija telaq minn Gàlgala flimkien mal-qaddej sinċier u fidil tiegħu Eliżew. Il-profeta kien jaf li wasal għalih it-tluq il-kbir, tant li ma ried li ħadd ma jkun jaf, u għalhekk iddeċieda li jibqa' waħdu. "Oqgħod hawn, għax il-Mulej bagħatni sa Betel" (2 Slat 2,2). Din il-formula ta' kliem tirrepeti għal tliet darbiet u għal tliet darbiet oħra Eliżew iwieġeb: "F'ġieħ il-ħajja tal-Mulej u f'ġieħ ħajtek stess, jien ma nħallikx waħdek" (2 Slat 2,2. 4-6).

Elija ma rnexxilux jibagħtu minn Gàlgala, tant li mar f'Betel u kompla lejn Ġeriko. U minn Ġeriko baqa' sejjer lejn il-Ġordan anzi qasam għan-naħa l-oħra. Mela probabbilment art pagana. Dan il-waqt ta' firda kien wieħed kommoventi u qawwi ħafna

Tagħrif ieħor interessanti hija l-mixja lura tal-vjaġġ u dan dejjem fil-ħsieb tal-profeta nnifsu. (2 Slat 2, 5-6). Fir-ritorn Elija jerġa' jaqbad it-triq b'lura lejn l-Art Imwiegħda. Mela jiftakar fl-Eżodu, jiġifieri l-ħruġ mill-Eġittu, u f'dak kollu li missirijietu għaddew minnu sakemm waslu l-Art Imwiegħda. Hawn infakkru fit-tgergir qawwi li l-Lhud xerrdu kontra Mosè hemm fid-deżert. Jiftakar ukoll fil-qsim tax-xmara Ġordan u dan bil-leviti jerfgħu bil-qima kollha l-arka tal-patt. Jiftakar kif iġġarrfu il-ħitan ta' Ġeriko wara is-seba' darba, u fil-ħolma li kellu il-patrijarka Ġakobb meta kien f'Betel u wasal biex dilek il-ġebla li servietu ta' mħadda biż-żejt. (Ġen 28,18). Fuq kollox jiftakar ukoll fil-witja xagħrija u fil-muntanja Nebo, għaliex kien minn fuqha li Mosè ra iva l-Art Imwiegħda bis-siġar tal-palm iħaddru f'Ġeriko iżda ma daħalx hemm.

## Il-ħtif ta' Elija.(vv 7-13)

Din il-ġrajja tal-għaġeb tifforma l-waqt ċentrali tal-ġrajja kollha: Hawn titwettaq xena li tassew taqtagħlek in-nifs: "Ħamsin raġel, fosthom ulied il-profeti, imxew warajhom (i.e. wara Elija u Eliżew) u waqfu quddiemhom mill-bogħod. Huma it-tnejn waqfu fuq ix-xmara Ġordan (2 Slat 2,7). Jidher sew hawn li dawk il-ħamsin kienu qegħdin jistennew biex jaraw x'kien qatt se jiġri minn dawn iż-żewġ personaġġi ta' Alla, Elija u Eliżew.

"U Elija qabad il-mantar tiegħu, kebbu u ħabbtu ma' l-ilma; u dan inferaq 'l hemm u 'l hawn. U qasmu huma t-tnejn fl-inxief" (2 Slat 2,8). Il-ħsieb wara dan il-ġest huwa evidenti ħafna, għaliex hawn irrepetiet il-ġrajja tal-għaġeb tal-Eżodu, meta Mosè flimkien mal-ġemgħa qasmu il-baħar tal-Qasab (Eż 14,21).



Meta Ġoswè u l-qassisin li kienu qegħdin iġorru l-arka, hekk kif saqajhom messew mal-ilma tal-Ġordan l-ilma waqaf biex hekk dawn setgħu jaqsmu (Ġos 3, 15-16). Hawn kollox qed juri wkoll li għal darb'oħra Elija kien qed jirrepeti t-triq tal-bidu.

Sant'Ambroġ jgħarbel is-simboli ta' din il-ġrajja u jikteb: Elija u Eliżew "bil-mixi qasmu l-Ġordan: u dan kien kollu ħlas u premju minħabba l-karità qawwija li kellhom lejn ħuthom li tant kienu fil-bżonn. Huma però biex setgħu jaqsmu l-ilmijiet korrenti tal-Ġordan, l-ewwel kellhom jirbħu u dan b'ferħ spiritwali l-ġibdiet qawwija tal-passjonijiet."

Il-prova qawwija tad-deżert, id-dwejjaq u l-esperjenza tax-xejn tagħhom ippurifikaw u saffew waħda sew lil Elija, meta huwa ħalla l-imħabba ta' Alla ħallieq u providenza tinvaduh (Elija) għal kollox. Mela Elija wera telqa sħiħa f'Alla ta' Abraham, ta' Iżakk u ta' Ġakobb.

Issa titkompla l-aħħar konversazzjoni bejn l-imgħallem u d-dixxiplu: Waqt Ii kienu mexjin, Elija dar fuq Eliżew u qallu: "Itlobni x'għandi nagħmillek qabel ma nittieħed minn ħdejk" (2 Slat 2,9). Sa issa,b'eċċezzjoni tad-djalogu mal-armla, dejjem smajna kliem iebes ħafna ħiereġ minn fomm Elija. Issa waqt din il-konversazzjoni, il-lingwaġġ inbidel ħafna u sar ħelu, ġentili u li mess il-qalb ta' Eliżew, tant li sa fl-aħħar ħassu maħbub anzi maħbub ħafna u dan minn Elija, bniedem ta' karattru tassew iebes.

Bi probabbiltà l-aktar kbira, dejjem waqt is-servizz li sar bejniethom it-tnejn, Eliżew qatt ma kellu waqt fejn ħassu daqshekk qrib u maħbub minn Elija! "Għidli, x'nista' nagħmillek qabel ma jien se niġi meħud 'il bogħod minnek!" Imsaħħaħ minn dan il-kliem hekk ċar u fl-istess waqt ħelu u ta' konsolazzjoni, Eliżew talab id-doppju tal-ispirtu ta' Elija. Difatti f'dawk li huma mirakli, Eliżew għamel id-doppju ta' Elija. U dan forsi jgħaġġibna xi ftit ukoll!



Meta Eliżew wasal biex talab id-doppju dan ifisser li huwa issa qed jistenna l-eredità doppja bħala l-iben il-primoġenitu tiegħu. U dan fuq Dt 21,17. "Inti għandek tagħraf bħala l-primoġenitu iben dik li ġiet mistmella u dan billi tagħtih id-doppju ta' dak li tippossedi – għandek – għaliex huwa l-primizja tas-saħħa tiegħek u lilu għalhekk tappartjeni l-primoġenitura". Eliżew mela għażel li jkun il-primoġenitu ta' Elija, mela jirċievi l-eredità spiritwali ta' Elija.

## Donnu jitlob ħafna

B'mod l-aktar umli, Elija wassal lil Eliżew biex jinduna li hu talab ħafna minn għandu. Il-Vulgata ittraduċiet hekk: "*Rem difficilem postulasti*", "inti tlabtni ħaġa diffiċli tassew"! Il-profeta Elija ħass ruħu mbarazzat u mfixkel, għaliex Alla biss huwa l-Mulej li jagħti l-Ispirtu, kif ukoll għaliex minnu biss (Alla) jiddependi jekk din it-talba ta' Eliżew titwettaqx jew le.

Wieħed ma jista' qatt ikollu b'eredità l-Ispirtu bħala ġid ta' din l-art. Alla però jista' jgħarraf lil Eliżew jekk huwa hux tassew dak li se jiret l-ispirtu ta' Elija jew le; għalkemm diffiċli: U qallu; 'Ħaġa iebsa tlabtni. Jekk tarani nittieħed minn ħdejk, ikunlek hekk; jekk le, ma jkunlekx" (2 Slat 2,10). Elija ħalla d-deċiżjoni f'idejn il-Mulej imma fl-istess waqt offra sinjal lid-dixxiplu tiegħu.

Dan il-kliem flimkien mal-kuntest kollu, jfakkar f'dak li ġara waqt l-axxensjoni ta' Ġesù lejn is-sema. L-appostli li raw lil Ġesù sejjer meħud lejn is-sema (Atti 1,9) saru eredi tal-ispirtu tiegħu.

"U ġara li huma u sejrin jimxu u jitkellmu, f'daqqa waħda karru tan-nar bi żwiemel tan-nar firidhom minn xulxin, u Elija tala' s-sema fir-riefnu. Eliżew baqa' jħares u jgħajjat: Missieri, Missieri, il-karru ta' Israel u r-rikkieba tiegħu. U ma rahx iżjed; u qabad fi ħwejġu u ċarrathom f'biċċtejn. Mbagħad ġabar il-mantar ta' Elija li kien waqa' minn fuqu u reġa' lura u waqaf max-xatt tal-Ġordan" (2 Slat 2, 11-13).

## L-interpretazzjoni:

Hawn għalhekk ta' min jistaqsi: Kif għandna nifhmu dan "il-karru tan-nar u ż-żwiemel tan-nar" li fuqhom għeb Elija? Aktarx li din hija viżjoni ta' Eliżew. B'għajnejh ta' fidi kbira, waqt il-firda li kienet se sseħħ tal-ġisem tal-imgħallem kbir tiegħu huwa (Eliżew) ra l-glorja ta' Alla li ġiet biex tieħdu magħha.

Mela ma hemm xejn sigur li Elija ma mietx. Din id-deskrizzjoni ġġib ċertezza profonda ta' fidi li kellu Eliżew. Elija tbiegħed sew biex imut waħdu fid-deżert. Hekk ukoll kif għamel Mosè, dan ma ħasibx fit-tmiem iżda fil-laqgħa tiegħu ma' Alla. Għalhekk ukoll sal-ġurnata tal-lum ħadd għadu ma jaf fejn hu il-qabar ta' Mosè (Dt 34,6; Ġuda ,8-9).

Aħna nafu li l-mewt ta' ħafna qaddisin ġiet raffigurata bħala laqgħa ta' mħabba mal-glorja ta' Kristu irxoxtat: Hekk Santa Katarina ta' Sjena, waqt ir-reċita tal-litanija tal-qaddisin kienet kontinwament tbaxxi rasha sinjal ta' rispett lejhom!

Min jgħix tassew il-fidi jikkontempla l-mewt tal-qaddisin bħala ħtif lejn is-sema u jaf jaraha mibdula. Min imbagħad ma għandux fidi, jara biss id-disfatta li tiġi fuq il-bniedem flimkien mat-taqlib tal-agunija li tbeżża'. U minn xi waħda minn dawn iż-żewġ toroq kulħadd għad irid jgħaddi.



# L-ITTRA LIL FILEMON AWTORITÀ U SKJAVITÙ

***Marcello Ghirlando***

L-Ittra lil Filemon hija l-iqsar mill-ittri kollha ta’ l-Appostlu Pawlu. Hija l-ittra l-aktar personali ta’ Pawlu u l-unika li Pawlu kiteb b’idejh stess (v.19). Anke jekk hija miktuba lil Filemon, bħala persuna privata, hija anke ittra li ġiet maħsuba biex tinqara lill-komunità li

tinġabar fid-dar ta' Filemon (v.2). Jidher li l-ittra trid toħroġ għad-dawl il-fatt li l-affarijiet 'personali' tan-nisrani imissu wkoll l-imġiba konkreta tiegħu anke fil-komunità.

Pawlu għandu sentimenti delikati ħafna f'din l-ittra, anke jekk juri li ma jridx itaqqal lid-dixxipli tiegħu bl-awtorità mogħtija lilu. Għalhekk ma jimponix: jitlob, jissuġġerixxi u jħeġġeġ b'delikatezza umana tal-għaġeb.

Probabbilment Pawlu kiteb din l-ittra minn Ruma jew Ċesarija. L-awtentiċità ta' din l-ittra rarament ġiet iddubitata - fl-ittra hemm il-lingwaġġ, l-istil u l-qalb ta' Pawlu. Hija ittra li hija kontemporanja mal-Ittra lill-Kolossin. Pawlu qed ibati l-ħabs. Id-destinatarju huwa persunaġġ importanti fil-komunità ta' Kolossi, bniedem li kien ġie konvertit minn Pawlu, meqjus ukoll bħala kollaboratur tiegħu (v.1).

Iċ-ċirkustanzi tal-ittra nistgħu neħduhom mill-itttra stess. Onesimu, ilsir ta' Filemon, kien ħarab. Meta jiltaqa' ma Pawlu jikkonverti u jsir kollaboratur ta' Pawlu (Kol 4:9). Pawlu jżommu miegħu u b'hekk tinħoloq sitwazzjoni prekarja għaż-żmien: Pawlu kien żammu bla permess ta' Filemon u b'hekk seta' jitqies bħala kompliċi fil-ksur tad-dritt privat. Pawlu għalhekk jiddeċiedi li jerġa' jibgħat lil Onesimu lil sidu. B'din l-ittra f'idejn Onesimu, Pawlu jitlob lil Filemon biex jilqa' lill-ilsir tiegħu bħala ħuh, anzi daqslikieku kien Pawlu nnifsu....Pawlu juri x-xewqa li Onesimu jerġa' jintbagħat miegħu biex ikompli jgħinu fix-xandir tal-Evanġelju.

L-Ittra hija ta' interess kbir. Anke jekk Pawlu ma jittrattax direttament il-kwistjoni ċivili ta' l-iskjavitù, huwa jfakkar li fi Kristu Ġesù kulħadd huwa ugwali, fi Kristu m'hemmx ħieles u anqas ilsir (ara: Gal 3:28); anzi, ilsiera u sidien iridu jinħabbu bejniethom (ara: Rum 12:10). Għandna żerriegħa mill-isbaħ li kellha tikber u turi li fil-Knisja, il-komunità l-ġdida ta' Kristu l-Mulej, kulħadd huwa ugwali, kulħadd parti waħda minn fraternità universali.



## X'qal Pawlu lil Filemon

L-Ittra hija qasira u nistgħu nġibuha kollha testwalment.

*1 Pawlu, priġunier ta' Kristu*
*Ġesù u ħija Timotju lil*
*Filemon seħibna l-għażiż*
*fix-xogħol, 2 u lil oħtna*
*Appja u lil Arkippu, suldat*
*magħna, u lill-knisja li*
*tinġabar f'darek: 3 Grazzja*
*u sliem għalikom*
*mingħand Alla Missierna*
*u Ġesù Kristu.*

*4 Niżżi ħajr dejjem lil Alla*
*tiegħi u niftakar fik fit-talb*
*tiegħi. 5 Jiena smajt bil-*
*fidi li għandek fil-Mulej*
*Ġesù u l-imħabba tiegħek*
*għall-qaddisin. 6 Nitlob li*
*l-fidi li inti taqsam mal-*
*oħrajn ikollha l-qawwa*
*li twassal biex jingħaraf*
*it-tajjeb kollu li hemm fina*
*minħabba fi Kristu. 7 Jiena*
*fraħt ħafna u qawwejt*
*qalbi bl-imħabba li*
*għandek; għaliex, ħija,*
*il-qlub tal-qaddisin strieħu*
*fik.*

*8 Għalhekk iktar milli*
*nikkmandak tagħmel li*
*jenħtieġ - kif nista' nagħmel*
*b'wiċċi minn quddiem fi*
*Kristu - 9 jiena nitolbok,*
*f'isem l-imħabba; jiena,*
*Pawlu, raġel xwejjaħ, u*
*issa priġunier ta' Kristu*
*Ġesù, 10 qiegħed nitolbok*
*bil-ħerqa għal ibni, li*
*jiena nissilt fil-ktajjen,*
*għal Oneżimu, 11 dak*
*li darba lilek ma kien*
*jiswielek għal xejn, imma*
*li issa jiswielna, kemm*
*lili u kemm lilek. 12 Jiena*
*bgħatthulek lura, lilu,*
*bħallikieku bgħattlek*
*qalbi stess. 13 Xtaqt kieku*
*żammejtu miegħi, biex,*
*kif jien fil-ħabs għall-*
*Evanġelju, idur bija*
*minflokok hu. 14 Iżda ma*
*ridt nagħmel xejn mingħajr*
*ma nara x'jidhirlek int,*
*biex l-opra tajba tiegħek*
*ma tkunx għamiltha*
*bilfors, imma tkun ħierġa*
*mill-qalb. 15 Għandu mnejn*
*li għalhekk hu telaq minn*
*miegħek għal ftit, biex*
*inti terġa' tiksbu lura*



*għal dejjem, [16]mhux iktar bħala lsir, imma xi ħaġa iktar minn ilsir, bħala ħuk għażiż; għażiż fuq kollox għalija, imma kemm iktar għalik, skont id-dinja u skont il-Mulej.*

*[17]Int mela, jekk inti qalb waħda miegħi, ilqgħu bħallikieku kont jien! [18]Jekk naqsek f'xi ħaġa jew jekk għandu jagħtik, ixħet kollox fuqi. [19]B'idi stess qiegħed nikteb: "Jiena, Pawlu, inħallsek" - biex ma ngħidlekx li inti stess taf lilek innifsek lili. [20]Iva, ħija, nitolbok, agħmilli dan il-pjaċir minħabba fil-Mulej. Serraħli qalbi fi Kristu.*

*[21]Ktibtlek għax jiena żgur li int tisma' minni, anzi jiena naf li se tagħmel aktar minn hekk. [22]Fl-istess ħin ħejjili kamra, għaliex nittama li bis-saħħa tat-talb tagħkom nerġa' ningħata lilkom.*

*[23]Iselli għalikom Epafra priġunier miegħi għal Kristu Ġesù; [24]Marku, Aristarku, Dema, Luqa, sħabi fix-xogħol. [25]Il-grazzja tal-Mulej Ġesù Kristu tkun magħkom.*

## It-Taqsim tal-Ittra

Nistgħu naqsmu l-Ittra lil Filemon f'erba' partijiet: tislija tal-bidu fil-vrus 1-3; ringrazzjament u talba fil-vrus 4-7; it-talba ta' Pawlu lil Filemon fil-vrus 8-20 u t-tislijiet tal-aħħar fil-vrus 21-25.



Fl-ewwel tlett ivrus Pawlu, li jiddeskrivi ruħu bħala priġunier ta' Kristu, u Timotju jawguraw grazzja u sliem mingħand Alla u Sidna Ġesù lil Filemon, lil Appja u lil Arkippu.

Fil-vrus 4-7, Pawlu jrodd ħajr lil Alla għall-fidi u l-imħabba li Filemon għandu għall-aħwa. Pawlu jitlob li l-fidi li Filemon jaqsam mal-oħrajn ikollha l-qawwa li toħroġ għad-dawl it-tajjeb li jsir f'isem Ġesù Kristu. Pawlu jifraħ bl-imħabba tal-kollaboratur tiegħu u għall-faraġ li hu qasam lill-aħwa.

Fit-tielet parti, il-vrus 8-20, Pawlu jistqarr li hu għandu l-libertà li jikkmandah dak li għandu jagħmel. Imma fil-vers 9 juri li jippreferi jitolbu f'isem l-imħabba għal ibnu Onesimu, li huwa nissel fil-ktajjen. Onesimu wasal għall-fidi fi Kristu fil-waqt li Pawlu kien qed ibati l-ħabs. Pawlu jgħid li Onesimu darba kien jiswa lil Filemon, u issa fil-fatt huwa utli għat-tnejn li huma. Fil-fatt, Pawlu jibagħtu lura lil sidu imma daqslikieku bgħatlu qalbu stess.

Fil-vrus 13-16, Pawlu jistqarr li kieku xtaq iżommu miegħu biex ikompli jdur bih fil-ħabs li huwa kien qed ibati minħabba l-Evanġelju. Imma pprefera li dan ma jagħmlux biex Filemon ma jkunx obbligat jagħmel it-tajjeb bil-fors. Issa Filemon se jikseb lil Onesimu għal dejjem - iżda mhux aktar bħala ilsir, imma bħala xi ħaġa aktar minn ilsir, bħala ħuh l-għażiż, kemm skont id-dinja u kemm skond il-Mulej.

Fil-vrus 17-20, Pawlu jfakkar il-ħbiberija bejnu u bejn Filemon u f'ġieħ din il-ħbiberija jitolbu jilqa' lil Onesimu bħallikieku kien Pawlu nnifsu. Anzi, jekk hu naqsu f'xi ħaġa, jitolbu jixħet kollox fuqu. Pawlu jiggarantixxi din it-talba meta jistqarr: "B'idi stess qiegħed nikteb: Jiena Pawlu

nħallsek". Imma jfakkru li hu nnifsu, Filemon, huwa debitur ma' Pawlu għaliex hu fil-fatt kien nisslu fi Kristu Ġesù. Fil-vers 20 Pawlu għalhekk jitlob b'ħerqa: "Iva, ħija, nitolbok, agħmilli dan il-pjaċir minħabba fil-Mulej. Serraħli qalbi fi Kristu".

Fil-konklużjoni, il-vrus 20-25, Pawlu juri l-fiduċja tiegħu li Filemon jisma' minnu. Anzi, jaf li kien sejjer jagħmel ħafna aktar minn hekk! Fil-vers 22 jitolbu iħejjilu kamra, bit-tama li bis-saħħa tat-talb tal-komunità hu jerġa' jinħeles u jingħata lilhom.

Fil-vers 23 jibgħatlu t-tislijiet ta' Epafra, anke hu fil-ħabs ma' Pawlu, flimkien mat-tislijiet ta' Marku, Aristarku, Dema, Luqa, kollha sħabu fix-xogħol. U Pawlu jagħlaq billi jawgura "Il-grazzja ta' Ġesù Kristu tkun magħkom".

## Xi konsiderazzjonijiet

Din l-ittra tista' tgħinna nagħmlu xi ftit konsiderazzjonijiet rigward l-awtorità appostolika u kif Pawlu jużaha b'mod ġust u rett.

Fil-vers 8 Pawlu jistqarr li kellu l-awtorità fi Kristu li jikkmanda lil Filemon dak li kellu jagħmel. Fil-vers 9, imbagħad, igħid li jippreferi jitolbu f'isem l-imħabba. Fil-vers 14 imbagħad iġib il-motivazzjoni ta' din id-deċiżjoni tiegħu: ma riedx iġagħlu jagħmel it-tajjeb. Għalhekk jidher li l-appostlu għandu l-awtorità biex jikkmanda lil min jemmen fi Kristu fuq kif għandu jġib ruħu; imma meta din il-ħaġa għandha x'taqsam fl-għemil tat-tajjeb, huwa jaf li ma jistax iġiegħel bilfors għax inkella il-ħaġa tajba ma tibqax tajba. Issir xi ħaġa ta' bilfors u li ma ssirx bl-imħabba. Huwa proprju għalhekk li Pawlu jagħraf tajjeb jitlob f'isem l-imħabba, is-sentiment li ċertament iwassal għat-tajjeb. Interessanti ninnutaw kif Pawlu huwa konxju li, veru għandu l-awtorità li jikkmanda, imma din l-awtorità hija limitata mil-libertà ta' kuxjenza ta' min jemmen. Quddiem dan il-ħelsien interjuri li Alla jagħti lil kull bniedem b'grazzja naturali, anke l-awtorità appostolika ma tistax tuża l-forza, imma trid tilbes l-imħabba divina biex il-kelma mogħtija tiġi milqugħa.





Fil-vers 16 Pawlu jistqarr li kien qed jibgħat lil Onesimu, mhux aktar bħala ilsir, imma bħala wieħed mill-aħwa. Imma Onesimu huwa ilsir ta' Filemon minkejja dan. Għalhekk irridu ninterpretaw il-kliem ta' Pawlu. Bil-fidi fi Kristu, kemm l-ilsir Onesimu u kemm is-sid, Filemon, għandhom l-istess dinjità ta' wlied Alla. Bejniethom ma hemmx aktar differenza, il-għaliex fi Kristu saru aħwa ta' xulxin. Imma l-kundizzjoni soċjali tibqa' differenti. Onesimu huwa dipendenti minn Filemon, is-sid. Dan ifakkarna li l-fidi m'għandhiex l-iskop li tbiddel il-kundizzjoni soċjali ta' min jemmen, imma toffri lil kulħadd il-filjolanza divina biex kulħadd, mingħajr distinzjoni ta' xejn, jista' jilqa' d-don tal-fidwa. Għal din ir-raġuni Pawlu jerġa' jibgħat lura lil Onesimu bħala ilsir lil sidu; u jagħmlu mingħajr tfixkil il-għaliex jaf li Onesimu, l-ilsir, fil-fidi huwa ħieles. U jitlob lil Filemon biex jerġa' jilqgħu mill-ġdid fid-dipendenzi tiegħu għax jaf li fil-fidi se jqisu ugwali għalih innifsu, in kwantu ħuh fi Kristu.

Fil-vrus 18-19 Pawlu joffri eżempju sabiħ ta' onestà morali. Ma jordnax lil Filemon biex jikkanċella d-djun ta' Onesimu, imma jgħid li huwa nnifsu huwa dispost li jħallas biex igħin lil Onesimu. Pawlu juri li hu onest. Ma jġibx ruħu daqslikieku kien is-sid tal-beni ta' Filemon, imma jagħraf dak li huwa dovut lilu skont il-ġustizzja u skont id-dritt komuni tal-bnedmin. Skont dan id-dritt, min jagħmel id-dejn irid iħallsu u jrodd lura dak li jkun issellef. B'hekk Pawlu jagħraf li l-awtorità appostolika tiegħu ma tagħtihx dritt fuq il-beni tal-oħrajn; b'hekk jiddikjara r-rieda tiegħu li jgħin lil Onesimu b'ġidu stess billi jħallas id-dejn. Bil-karità divina jwettaq dak li huwa tajjeb skont il-ġustizzja u d-dritt uman.

Fid-dawl ta' din l-Ittra rridu nagħmlu konsiderazzjoni oħra rigward l-iskjavitù, problema li l-ewwel Insara kellhom ukoll jaffrontaw meta wieħed jiftakar li kienu ħafna l-iskjavi li kienu laqgħu l-Kristjaneżmu. Jidher li f'1 Kor 7: 17-24 kien twieled moviment ta' emanċipazzjoni mill-iskjavitù. Lill-Korintin Pawlu jkellimhom mir-realtà l-ġdida li jġib it-twemmin fi Kristu: "Dak li kien ilsir meta sejjaħlu l-Mulej, issa hu bniedem ħieles fil-Mulej. Hekk ukoll, jekk wieħed kien imsejjaħ meta kien ħieles, issa hu lsir ta' Kristu" (1 Kor 7:22). Pawlu jħalli l-bieb miftuħ lill-ilsiera biex jiksbu anke l-liberta' soċjali fil-vers 21: "Kont ilsir meta kont imsejjaħ, tħabbilx rasek; eħles jekk tista', imma fittex l-aħjar".

Il-ħsieb ta' Pawlu jidher anke ċar fl-Ittra lil Galatin 3:28: "Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù". Huwa għalhekk irrelevanti, fid-dawl tal-fidwa fi Kristu Ġesù, intix ilsir jew ħieles anke jekk Pawlu jagħraf li jeżiżtu barrieri soċjali, reliġjużi u kulturali sakemm qegħdin fid-dinja.

Mhux ta' b'xejn allura li fl-Ittra lil Filemon Pawlu jagħmel appell għall-valuri nsara tal-fraternità u tal-imħabba... filwaqt li, kif rajna, iħalli d-deċiżjoni lil Filemon iħallix ħieles lil Onesimu biex ikun ta' qadi għal Pawlu fil-missjoni tal-evanġelizzazzjoni.

Jidher li b'hekk Pawlu jinsisti fuq bidla tal-qalb fir-relazzjonijiet interpersonali aktar milli bidla soċjali tal-istituzzjoni. Juri li l-Kristjaneżmu jmur fil-qalba tal-isfidi soċjali u jlaqqamhom fil-valuri veri, xhieda ta' Ġerusalemm il-ġdida li hija l-indirizz aħħari tal-bnedmin li jemmnu u jgħixu fi Kristu Ġesù.



# PLURIFORMITÀ TAL-KARIŻMI FIL-KNEJJES PAWLINI

*Rev Dr Martin Micallef OFMCap*

Kelma importanti fl-użu tal-vokabularju ta' San Pawl hija "il-Knisja" - bil-Grieg: *ekklesia.*[1] San Pawl jindirizza l-ittri b'mod speċifiku lill-"Knisja ta' Tessalonika";[2] lill-"Knisja… li qiegħda f'Korintu"[3]; u lill-"knejjes f'Galazja,"[4] filwaqt li b'mod regolari jirreferi "għall-knejjes kollha."[5]

Jidher li dan l-Appostlu ħa din il-kelma mit-Testment il-Qadim, fejn il-kelma *ekklesia* tintuża daqs 100 darba fis-LXX, bi traduzzjoni għall-Kelma Lhudija *qahal*, "ġemgħa."[6] Waħda mit-tixbihat li San Pawl imbagħad juża biex jitkellem dwar il-Knisja hija dik tal-"ġisem ta' Kristu"[7] - bil-Grieg: *soma Christou* - meqjusa bħala t-tixbiha teoloġika dominanti fl-ekkleżjoloġija ta' San Pawl.[8] F'dan l-artiklu se naraw kif f'Rum 12:4-8 u 1 Kor 12:4-28,[9] San Pawl juża fit-tul it-tixbiha tal-ġisem ta' Kristu għall-Knisja, filwaqt li jintroduċi wkoll il-kunċett ta' kariżma/don – bil-Grieg: *charismata* - biex jirreferi għar-riżultat ta' azzjoni mogħtija b'xejn jew aħjar bħala rigal ta' Alla lil xi ħadd.

## Il-membri tal-ġisem

Bħalma l-ġisem għandu bosta membri bil-funzjoni partikulari tagħhom, hekk ukoll fil-Knisja. Hekk jurina San Pawl fil-lista tal-kariżmi li jsemmi f'Rum 12:6-8. Din il-lista li nsibu hawnhekk mhijiex waħda kompluta jew sistematika, imma biss eżemplari. Minkejja dan, nistgħu ngħidu li d-doni msemmija hawn kienu relevanti u biżżejjed biex jinfurzaw il-prinċipji regulatorji li jissemmew fil-vv.3-5.[10] Il-lista tinkludi d-don *tal-profezija* - bil-Grieg: *propheteian*; *tal-ministeru/qadi* - bil-Grieg: *diakonian*; tat-tagħlim - bil-Grieg: *didaskon;* tat-tħeġġiġ - bil-Grieg: *parakalon; tat-tqassim* - bil-Grieg: *metadidous; tal-awtorità* - bil-Grieg: *proistamenos; tal-ħniena* - bil-Grieg: *eleon.* Hekk naqraw f'Rum 12:6-8 - "Jekk għandna d-don tal-profezija, ħa nħaddmuh skont il-qies tal-fidi; jekk għandna d-don tal-ministeru, ħa nservu; min għandu d-don tat-tagħlim, ħa jgħallem; min id-don tat-tħeġġiġ, ħa jħeġġeġ; min id-don tat-tqassim, ħa jqassam b'idejh miftuħa; min għandu l-awtorità fuq l-oħrajn, ħa jmexxi bil-ħerqa; min id-don tal-opri tal-ħniena, ħa jagħmel dan bil-ferħ."

Hu kważi impossibbli li nimmarkaw b'eżattezza l-funzjoni ta' kull wieħed minn dawn "id-doni" jew "kariżmi" u d-differenzi ta' bejniethom, għalkemm nistgħu niddistingwu bejn id-doni/kariżmi f'rabta mal-Kelma, jiġifieri, *il-profezija, it-tagħlim, it-tħeġġiġ u l-ħniena* mid-doni/kariżmi li jidhru aktar "amministrattivi," jiġifieri, *il-qadi* u *t-tqassim.* Hemm imbagħad dawk id-doni/kariżmi ta' karattru aktar deċiżiv jew awtorevoli, anke jekk dawn jokkupaw l-aħħar post f'din il-lista li jagħti San Pawl, jiġifieri, *l-awtorità.* Hu x'inhu l-każ, jidher li l-aktar ħaġa importanti hi li wara dawn il-ministeri jkun hemm imħabba sinċiera: "qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor - bil-Grieg: *he agape anypokritos*" (Rum 12:9).



## Il-kariżma/don tal-Profezija

L-ewwel fil-lista ta' kariżmi/doni li nsibu f'Rum 12, San Pawl iqiegħed id-don tal-*profezija* li tissemma hawn biss fl-Ittra lir-Rumani, minkejja li l-appostlu jqis din il-kariżma bħala waħda mill-aktar doni spiritwali importanti.[11] Diġà fl-Ewwel Ittra lit-Tessalonkin, San Pawl iwissi: "Tmaqdrux il-profezija."[12] F'1 Kor 12:28[13] il-Profeti jiġu wara l-Appostli. Jista' jkun li f'Rum 12 San Pawl iqiegħed il-profeti l-ewwel fil-lista u allura jagħti importanza kbira lil din il-kariżma, minħabba li hu kien iqis

il-funzjoni ta' din il-karizma bħala waħda li tibni l-ġisem ta' Kristu.[14]

Il-ħidma tal-profeti msemmija hawn ma kinetx tikkonsisti filli xi ħadd iħabbar il-futur,[15] imma pjuttost li jitkellem f'isem Alla u jikxef dak li hemm moħbi fil-qlub.[16] F'dan is-sens, il-karizma tal-profezija tirreferi għall-funzjoni li xi ħadd kien jirċievi sabiex jikkomunika r-rivelazzjonijiet tal-verità ġejjin minn Alla. Il-prinċipju li kellu jirregola l-karizma tal-profezija kien "li nħaddmuh skont il-qies tal-fidi."[17] Ir-referenza għall-fidi hawn għandha tiftiehem fis-sens oġġettiv tal-verità rivelata u emmnuta.

## Il-karizma/don tal-ministeru

It-tieni karizma li jsemmi San Pawl f'Rum 12:7 huwa *il-ministeru*. Mhuwiex faċli ngħidu eżattament x'kien qed ifisser San Pawl bil-kelma *diakonia* hawnhekk, tradotta bil-Malti bħala *ministeru*. Il-kelma tista' tfisser xi ministeru jew servizz partikulari, bħalma naqraw fl-Atti 6:2 fejn jissemma l-ministeru tal-qadi fl-imwejjed; inkella l-amministrazzjoni ta' għajnuna materjali lill-membri tal-komunità,[18] jew servizz ġeneriku li jinkludi fih il-mezz kif tinbena l-komunità kif jikteb San Pawl meta jitkellem fuq il-ministeru tiegħu stess.[19] Xi studjużi iżda jżidu li hawnhekk San Pawl kien qed jirreferi għall-ministeru tal-Kelma filwaqt li jsejjaħ dan il-ministeru bħala wieħed li jsir mill-appostli.[20]

## Il-karizma/don tat-tagħlim

It-tielet fil-lista tal-karizmi li jsemmi San Pawl f'Rum 12:7 huwa d-don tat-tagħlim. F'dan ir-rigward, Rum 12:7 taqbel mal-lista tal-karizmi elenkati wkoll f'1 Kor



12:28. Filwaqt li fl-ewwel żewġ kariżmi, l-appostlu juża t-termini "profezija" u "ministeru," hawnhekk huwa juża terminu aktar konkret. Fil-fatt fil-ħames funzjonijiet li għad baqagħlu jsemmi San Pawl jitkellem f'termini ta' *persuni* li jħaddmu xi doni/karizmi.

L-Appostlu jqis lilu nnifsu bħala wieħed minn dawk li kienu mogħnija b'din il-karizma.[21] *Ho didaskon* huwa xi ħadd li jgħallem il-katekeżi[22] jew inkella jinterpreta l-Iskrittura. Fiż-żewġ każi din il-karizma tat-tagħlim hija marbuta mal-komunikazzjoni tat-tagħrif dwar il-Mulej Alla u r-rieda tiegħu.[23]



## Il-karizma/don tat-tħeġġiġ

Ir-raba' fil-lista tal-karizmi msemmija f'Rum 12:8 hija t-tħeġġiġ. Skont xi wħud, din il-karizma tirreferi għal dawk li fil-komunità kienu meqjusin bħala l-missirijiet spiritwali li bit-tħeġġiġ u l-faraġ ta' kliemhom setgħu jmexxu l-membri fil-ħajja komuni ta' bejniethom.[24] B'din il-karizma mfissra bil-kelma *paraklesis* San Pawl wisq probabbli kien qed jifhem pariri jew istruzzjonijiet fl-imġiba etika.[25]

## Il-karizma/don tat-tqassim

Il-ħames fil-lista tal-karizmi msemmija f'Rum 12:8 hija l-karizma tat-tqassim – bil-Grieg: *metadidomai*. Xi drabi din il-karizma hija mfissra f'siltiet oħra bħala d-don li tagħti xi ħaġa b'id miftuħa jew mill-qalb, jiġifieri b'ġenerożità.[26] F'kelma oħra din il-karizma titfisser fit-tqassim mill-ġid tiegħek mal-oħrajn.[27] Għalkemm ħafna mill-kummentarji jżommu din il-pożizzjoni, hemm min jirreferi hawn għall-għoti tad-doni spiritwali kif ukoll għall-ħwejjeġ materjali.[28] F'dan il-każ, din il-karizma rridu nqabbluha mal-użu tal-istess kelma *metadidonai* li San Pawl juża wkoll f'Rum 1:11 met jikteb – "Nixtieq ħafna narakom u naqsam magħkom id-doni spiritwali biex inwettaqkom" u ma' 1 Tess 2:8 fejn naqraw: "Aħna għożżejniekom hekk li ridna naqsmu magħkom mhux biss l-Evanġelju ta' Alla imma wkoll ħajjitna stess, daqskemm ħabbejniekom." Studjużi oħra iżda jinsistu li *metadidonai* tissemma f'sens aktar wiesgħa fejn li "tati lill-foqra" b'mod illi tista' tiġi tradotta "jekk xi ħadd se jikkomunika l-għana tal-Evanġelju, ħa jagħmel dan b'sempliċità, jiġifieri mingħajr ma joqgħod jiftaħar."[29]

## Il-karizma/don tal-awtorità

Is-sitt karizma fil-lista li nsibu f'Rum 12:8 hija "l-awtorità fuq l-oħrajn." Il-kelma użata bil-Grieg hawnhekk *ho proistamenos* litteralment tfisser xi ħadd li qiegħed fir-ras jew li jippresiedi u jmexxi u allura San Pawl kien qed jirreferi għal dawk li kellhom xi sehem fit-tmexxija tal-Knisja.[30] F'1 Kor 12:28 din il-karizma hija mogħtija l-isem ta' "treġija." Xi studjużi jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li San Pawl ma jqisx din il-karizma bħala xi uffiċju ta' persuna waħda. Hekk juruna siltiet oħra fejn it-tmexxija tal-komunitajiet insara kienet timplika numru ta' persuni,[31] anke jekk hawnhekk l-appostlu juża s-singular mingħajr




ebda referenza għan-numru ta' dawk li setgħu jeżerċitaw din il-kariżma. Minflok, San Pawl iħeġġeġ sabiex min għandu din il-kariżma "jmexxi bil-ħerqa" jew biż-żelu. Imma forsi l-aktar ħaġa kurjuża hawnhekk hija l-ordni li fiha tissemma din il-kariżma, fejn San Pawl iħalli l-awtorità kważi għall-aħħar post fil-lista tal-kariżmi li jiffurmaw il-ġisem ta' Kristu.

## Il-kariżma/don tal-ħniena

Is-seba' u l-aħħar kariżma li jelenka San Pawl f'Rum 12:8 hija l-ħniena. Il-persuna li jwettaq opri ta' ħniena – bil-Grieg: *ho eleon* – huwa bħas-Samaritan it-Tajjeb. Xi studjużi jaraw f'din il-kariżma rifless ta' dak li naqraw fil-ktieb ta' Tobija,[32] għalkemm l-użu ta' din il-kariżma f'Rum 12:8 tista' tirreferi għal kull xorta ta' għemejjel ta' karità bħal ngħidu aħna, ddur bil-morda, tidfen il-mejtin, u li tipprovdi lill-ħabsin il-bżonnijiet tagħhom. Lil min hu mogħni b'din il-kariżma, San Pawl iħeġġu biex "jagħmel dan bil-ferħ." Il-mod mela kif inwettqu dan, hu importanti daqs l-att fih innifsu.

## Ministeri fil-Knisja?

Meta nqisu din il-lista, xi studjużi jikkonkludu li hawnhekk għandna referenza għal xi tip ta' ministeri fil-knejjes ta' San Pawl,[33] filwaqt li studjużi oħra iżda jiċħdu dan.[34] Dawn tal-aħħar ifakkruna kif San Pawl ma jsemmi xejn pereżempju fuq l-isqfijiet, il-presbiteri, u djakni fl-Ittra lir-Rumani. Minkejja dan, E. Käsemmann isostni li hawnhekk mhux biss għandna l-etika ta' komunità imma wkoll l-istadji tal-ordni jew struttura ta' komunità.[35] L-impressjoni li nieħdu hija li filwaqt li ċertament f'din l-Ittra jissemmew persuni mimlija bl-Ispirtu li ħadmu ma' San Pawl f'Ruma,[36] min-naħa l-oħra ma jidhirx li hemm xi mexxejja għolja jew figuri appostoliċi li San Pawl ħass li kellu jitratta magħhom hawnhekk.[37] Filwaqt li ngħidu dan iżda, ir-referenza għall-"mexxejja" hawn tindika li l-knisja f'Ruma ma kinetx nieqsa minn mexxejja li kellhom iħaddmu l-awtortià bl-imħabba u b'żelu.

## Il-lista tal-kariżmi f'1 Kor 12

Il-lista ta' dawn id-doni/kariżmi li San Pawl jagħti f'Rum 12:6-8 insibuha mill-ġdid f'1 Kor 12 imma din id-darba bi struttura aktar elaborata fuq it-tixbiha tal-ġisem: "Bħalma l-ġisem hu

wieħed u fih ħafna membri, u l-membri kollha tal-ġisem, għad li huma ħafna, jagħmlu ġisem wieħed, hekk ukoll Kristu. Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed, sew Lhud u sew Griegi, sew ilsiera u sew ħielsa, u lkoll xrobna minn Spirtu wieħed."[38] L-enfasi li jagħti hawn San Pawl hija fuq l-istess Spiritu li jagħti l-ħajja lil dan il-Ġisem: "Hemm diversi doni, imma l-istess wieħed hu l-Ispirtu; hemm diversi ministeri, imma l-istess wieħed hu l-Mulej; hemm diversi ħidmiet, imma l-istess Alla, li jaħdem kollox f'kulħadd ... Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed, li jqassam lil kull wieħed kif jogħġbu."[39]

F'dan il-kapitlu 12 ta' l-Ewwel Ittra lill-Korintin, San Pawl jagħti lista doppja tal-"ministeri" jew karriżmi. Fl-ewwel lista li huwa jippreżenta fil-versi 7-10 nosservaw din l-ordni: (i) Lil wieħed (jingħata) kliem l-għerf mill-istess Spirtu (v.7); (ii) Lill-ieħor il-kelma tas-sapjenza mill-istess Spirtu (v.8); (iii) Lill-ieħor il-fidi mill-istess Spirtu (v.9); (iv) Lill-ieħor id-don tal-fejqan mill-istess Spirtu (v.9); (v) Lill-ieħor is-setgħa tal-mirakli (v.10); (vi) Lill-ieħor id-don tal-profezija (v.10); (vii) Lill-ieħor id-don tal-għażla ta' l-ispirti (v.10); (viii) Lill-ieħor diversi ilsna (v.10); (ix) Lill-ieħor it-tifsir ta' l-ilsna (v.10).

Forsi nistgħu naqsmu din il-lista fi tliet kategoriji. L-ewwel tliet karriżmi huma d-doni marbutin mal-kelma: il-messaġġ tal-għerf, ta' għarfien u ta' fidi (vv. 8-9). It-tieni doni jiġbru flimkien



in-numru 4 u 5 f'rabta mal-fejqan u l-mirakli (vv. 9-10). It-tielet dawk id-doni li jiġbru flimkien in-numru 6 sa 9 li jsemmu mill-ġdid il-funzjonijiet marbutin mal-kelma iżda b'awtorità: titkellem *f'isem* Alla, *dixxerniment* tal-ispirtu, titkellem b'ilsna differenti jew *interpretazzjoni* tal-ilsna (v.10).

Mhuwiex ċar jekk nistgħux nistabilixxu parallelizmu bejn din il-lista u dik li nsibu f'Rumani 12. Forsi aktar importanti hu li nagħrfu ż-żewġ frażijiet li jinkwadraw din il-lista u li jiffurmaw *inclusio* bibliku, jiġifieri kelma jew tema li tissemma fil-bidu u fl-aħħar ta' silta u li allura tati sens ta' unità lis-silta partikulari.

Fil-bidu tal-paragrafu, jiġifieri f'1 Kor 12:4-6 San Pawl jirrepeti: (i) doni (bil-Grieg: *charismaton*) differenti, imma Spirtu wieħed (v.4); (b) ministeri (bil-Grieg: *diakonion*) differenti, imma Mulej wieħed (v.5); (c) ħidmiet (bil-Grieg: *energematon*) differenti, imma Alla wieħed (v.6). Fl-aħħar tal-paragrafu, imbagħad insibu xi ħaġa simili meta naqraw: "Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed, li jqassam lil kull wieħed kif jogħġbu" (1 Kor 12:11).

It-tieni lista ta' "ministeri" li San Pawl jagħtina f'din l-istess Ittra f'1 Kor 12:28-31 hija aktar teknika minn dik ta' qabilha. San Pawl hawn jintroduċi din il-lista bil-kliem: "Lil xi wħud Alla qegħedhom fil-Knisja ..." u immedjatament igħaddi għal din il-lista li donnha hija intenzjonata aktar sabiex tistabilixxi "ġerarkija" fil-"Knisja" kif juru dawn l-avverbji (l-ewwel, it-tieni, it-tielet): "*fl-ewwel post* bħala appostli, *it-tieni* bħala profeti, *it-tielet* bħala għalliema. Imbagħad id-don tal-mirakli, imbagħad id-don tal-fejqan, l-għajnuna, it-treġija, u d-don tal-ilsna diversi."[40]

Mill-ġdid hawnhekk donnu li nistgħu nikklassifikaw din il-lista ta' "ministeri" fi tliet kategoriji: il-ministeri "tal-kelma;" il-ministeri tal-"assistenza" li jinkludu, mirakli, fejqan, eċċ; u l-ministeri ta' "awtorità." B'dan il-mod, għandna skema kważi identika għal dik li nsibu fl-Ittra lir-Rumani. Bħal-lista tal-kariżmi li nsibu f'Rum 12, hawn ukoll forsi mhux b'koinċidenza li l-"awtorità" hija mqiegħda fl-aħħar tal-lista, anke jekk il-kelma bil-Grieg użata hawn mhijiex l-istess bħal dik użata f'Rumani 12.

Jista' jkun li r-raġuni għal dan hija li f'komunitajiet żgħar bħal ma kienu dawn il-komunitajiet imwaqqfa minn San Pawl jew f'relazzjoni miegħu, kien hemm inqas bżonn ta' deċiżjonijiet awtoritarji. Imma din il-ħaġa xorta tispikka, mhux biss minħabba li San Pawl innifsu jintroduċi f'din il-lista dawk l-avverbji ġerarkiċi (l-ewwel, it-tieni, it-tielet), imma wkoll minħabba l-mod kif huwa qiegħed "it-treġija" mad-"don ta' ilsna diversi," kariżma li San Pawl ftit jagħtiha importanza kif naqraw f' 1 Kor 14.

## Konklużjoni

Mill-ġdid, il-lista tal-ministeri f'1 Kor 12 tagħlaq bl-istess nota li nsibu wara l-lista f'Rum 12, għalkemm fil-każ ta' 1 Kor din in-nota hija itwal. F'din in-nota San Pawl jurina li x-xogħol strutturali veru tal-Knisja hija l-imħabba. Huwa għalhekk li wara dan il-kapitlu 12, San Pawl jagħtina l-Kantiku tal-imħabba mifrux fuq il-kapitlu 13. Hu x'inhu l-ministeru li xi ħadd igawdi fil-Knisja, mingħajr l-imħabba dak il-ministeru m'għandu l-ebda valur. Huwa għalhekk li fil-bidu ta' dan il-Kantiku, San Pawl għal tliet darbi jirrepeti l-istess frażi: "Li kieku kont .... bla ma kelli l-imħabba ...." bil-konsegwenzi kollha negattivi "kont inkun qisni strument tar-ram iżarżar jew platti jċekċku";[41] "ma kont inkun xejn";[42] "xejn ma jkun jiswieli ta' ġid."[43] Mhux il-profezija jew l-għerf[44] lanqas li tagħmel il-mirakli,[45] lanqas kwalinkwe xogħol ta' karità,[46] imma dak li jgħodd hu l-imħabba.

## Referenzi

1 Fl-Ittri tiegħu, San Pawl juża l-kelma ekklesia 62 darba, l-aktar f'Ewwel Ittra lill-Korintin. Fuq dan ara James D.G. Dunn, The Theology of Paul the Apostle (Edinburgh: T&T Clark, 1998), 537, n.15.

2 1 Tess 1:1; 2 Tess 1:1.

3 1 Kor 1:2; 2 Kor 1:1.

4 Gal 1:2.

5 Ara Rum 16:4, 16; 1 Kor 4:17; 7:17; 11:16; 14:34; 2 Kor 8:18, 19, 23-24; 11:8,28; 12:13; Fil 4:15.

6 Ara pereżempju Num 16:3; Dewt 23:1-3; 1 Kron 28:8; Neħ 13:1. Ara Dunn, The Theology of Paul the Apostle, 537. San Pawl jitkellem mill-Knisja permezz ta' numru ta' termini ħafna minnhom meħudin mit-Testment il-Qadim. Huwa jsejjaħ lil dawk li jemmnu bħala "qaddisin" - bil-Grieg: hoi hagioi. Għal San Pawl dawn il-persuni huma dawk li jinsabu "fi Kristu" - bil-Grieg: en Christo. Ara 1 Kor 1:2; Fil 1:1.

7 Ara Herman N. Ridderbos, Paul: An Outline of his Theology (Grand Rapids: Eerdmans, 1975), 327. L-użu għal din it-tixbiha fl-Ittri ta' San Pawl ivarja u mhuwiex wieħed uniformi. San Pawl jikteb: "il-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu?" (1 Kor 10:16); "Bħalma l-ġisem hu wieħed u fih ħafna membri … hekk ukoll Kristu" (1 Kor 12:12); "Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom membru tiegħu" (1 Kor 12:27); "Hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu" (Rum 12:5).

8 Ara Rum 12:4-5. San Pawl juża l-istess tixbiha f'1 Kor 10 meta jaffaċja nuqqas ta' ftehim u abbuż fl-ikla tal-Mulej, u f'1 Kor 12 meta jaffaċja mistoqsijiet dwar il-qima fil-ġemgħat tal-Korintin. L-istess tixbiha nsibuha wkoll użata fl-Ittri post-Pawlini. Ara Kol 1:18, 24; 2:19 u 3:15; Efes 1, 22-23; 2:15-16; 4:4, 12, 15-16.

9 Ara wkoll Efes 4:7.16. Ir-rabta Pawlina mal-Ittra lill-Efesin hija diskussa ħafna mill-istudjuzi, u nistgħu ngħidu li l-ekkleżjoloġija tagħha hija ħafna differenti minn dik ta' 1 Korintin. Filwaqt li din tal-aħħar titkellem aktar dwar komunità ekkleżjali u lokali, f'Efesin insibu viżjoni teoloġika għolja u elaborata tal-Knisja Universali ppreżentata bħala l-għarusa bla tebgħa ta' Kristu, il-Ġisem ta' Kristu, il-milja tat-totalità ta' Kristu (Efes 1:20-23). Xejn minn dan ma naqraw f'1 Kor.

10 Fuq dan il-punt ara John Murray, The Epistle to the Romans. The New International Commentary on the New Testament (Grand Rapids/Michigan: Eerdmans, 1968), 121-122.

11 Ara 1 Kor 12:10-11.

12 1 Tess 5:20. Ara wkoll, 1 Kor 12:10, 28; 13:2; 14:1,3-6, 24, 39; 1 Tim 4:14.

13 Ara wkoll Efes 4:11.

14 Ara Ben Witherington III, Jesus the Seer: The Progress of Prophecy (Peabody: Hendrickson, 1999), 293-328.

15 Għalkemm l-uffiċju ta' Profeta ma kienx ristrett għat-tħabbir tal-ġrajjiet fil-futur, din kienet ukoll prerogattiva tal-profeta kemm-il darba l-Mulej jogħġbu jirrivelalu l-ġrajjiet li kellhom iseħħu. Ara Atti 21:10-11.

16 Ara 1 Kor 14:24-25. Ara wkoll Joseph A. Fitzmyer, Romans. The Anchor Bible 33 (London: Geoffrey Chapman, 1993), 647.

17 Rum 12:6.

18 Ara Rum 15:25, 31; 1 Kor 16:15; 2 Kor 8:4.

19 Ara Rum 11:13; 1 Kor 12:5; 2 Kor 4:1; 11:8.

20 Ara Atti 6:4; 20:24; 21:19; 2 Kor 4:1; 5:18; 6:3. Ara Murray, The Epistle to the Romans, 123-124. Filwaqt li Murray iżomm din il-pożizzjoni huwa xorta waħda jikkonkludi li ma nistgħux inkunu ċerti li San Pawl kellu dan il-ministeru f'moħħu hawnhekk.

21 Ara 1 Kor 4:17.

22 Ara 1 Kor 14:19; Gal 6:6.

23 Ara r-referenzi li jagħmel Fitzmyer, Romans, 648.

24 Ara ibid.

25 Ara 1 Tess. 5:11; Fil 2:1.

26 Ara 2 Kor 8:2; 9:11,13.

27 Ara Lq 3:11; Efes 4:28.

28 Ara Fitzmyer, Romans, 648.

29 Ara W.C. van Unnik, "The Interpretation of Romans 12:8: ho metadidous en haploteti," in On Language, Culture, and Religion. In Honor of Eugene A. Nida, ed. M. Black and W.A. Smalley (The Hague, Paris: Mouton, 1974), 169-183.

30 Ara 1 Tess 5:12; 1 Tim 5:17.

31 Ara pereżempju Atti 15:2,4,6,22,23; 16:4; 20:17, 28.

32 Ara wkoll, Fitzmyer, Romans, 648.

33 Hekk pereżempju fir-rigward tal-kariżma tat-tagħlim Udo Scnelle, Apostle Paul: His Life and Theology, trans. M. Eugene Boring (Grand Rapids, Michigan: Baker Academic, 2005), 572, iżomm li hawnhekk qegħdin nitrattaw ma' uffiċju partikulari fil-Knisja.

34 Ara C. K. Barrett, The Epistle to Romans. Blacks' New Testament Commentary (Peabody: Hendrickson, 1991), 219.

35 Ernest Kasemann, Commentary on Romans (Grand Rapids: Eerdmans, 1980), 332.

36 Ara Rum 16.

37 Ara M.Y. MacDonald, The Pauline Churches (Cambridge: Cambridge University Press, 1988), 60.

38 1 Kor 12:12-13.

39 1 Kor 12:4-6.11.

40 1 Kor 12:28-29.

41 1 Kor 13:1.

42 1 Kor 13:2.

43 1 Kor 13:4.

44 Ara 1 Kor 13:2a.

45 Ara 1 Kor 13:2b.

46 Ara 1 Kor 13:3.




# SANTA MARIJA L-EĠIZZJANA (EGIZIACA)

*Noel Muscat ofm*

**Traduzzjoni u adattament tal-artiklu ta' J.M. SAUGET,**
***Maria Egiziaca, in Bibliotheca Sanctorum*, Roma 1967, Vol. VIII, 982-991**

Fost il-qaddisin marbutin mal-Art Imqaddsa, forsi waħda mill-aktar kurjużi, imma fl-istess ħin, tipiċi, hi dik magħrufa bħala Santa Marija Egiziaca (jew Eġizzjana). Dwar il-ħajja ta' din il-mara qaddisa ma għandniex xi dokumentazzjoni partikulari, għalkemm hemm ħajja tagħha attribwita lil San Sofronju, Isqof ta' Ġerusalemm (560 - 638).

Ċertu Żosimo, raħeb u eremita li kien jgħix fid-deżert tal-Lhudija, f'wieħed mid-diversi monasteri jew *laure* fil-blat li għadhom jeżistu sal-lum (San Saba, San Teodosju, San Ġorġ Koziba, Qarantal, San Gerasimos, u oħrajn). Dan mar fis-solitudni tad-deżert Palestinjan biex hemm jgħaddi r-Randan. Quddiemu sab dehra li għall-ewwel ħasibha allućinazzjoni. Ra mara li kienet imqadda bix-xemx u li kellha ġisimha għeri, ħlief għall-fatt li xagħarha kien kiber sa riġlejha u kien jgħattilha ġisimha kollu. Meta pprova jersaq lejha hi ma ħallitux ikellimha sakemm waddbilha l-mantar tiegħu biex tinsatar. Żosimo ra li din il-mara kienet maqtugħa mill-art fil-kontemplazzjoni. Għall-ewwel ħaseb li kienet xi dehra tax-xitan, imma l-mara sejħitlu b'ismu u meta resaq qrib tagħha bdiet tirrakkontalu ħajjitha.



Qaltlu li twieldet l-Eġittu. Meta kellha 12-il sena kienet ħarbet mid-dar u marret Lixandra, fejn kienet għexet ħajja komda li fiha ngħatat għall-prostituzzjoni għal 17-il sena. Jum minnhom iltaqgħet ma' xi pellegrini li kienu sejrin Ġerusalemm, u mqanqla mill-kurżità u mis-sens ta' avventura ngħaqdet magħhom.

Meta waslet Ġerusalemm kienet qed tiġi ċċelebrata l-festa tas-Salib. Hi riedet tidħol fil-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu, imma kull darba li kienet tipprova tirfes l-għatba kien hemm

forza misterjuża li kienet timbuttaha 'l barra. Fl-aħħarnett intebħet li dik kienet stedina għall-indiema. Inxteħtet quddiem ikona tat-*Theotókos* (Omm Alla) u talbitha tgħinha. B'hekk setgħet tidħol tqim il-Kalvarju u l-Qabar ta' Kristu u mbagħad kompliet titlob biex tara kif setgħet tagħmel penitenza. Sal-lum, fil-bitħa ta' quddiem il-Qabar ta' Kristu, taħt il-Kappella tal-Franki, mal-ġenb tal-bieb tal-bażilika, hemm kappella ċkejkna, dejjem magħluqa, li hi proprjetà tal-Griegi Ortodossi, u li tfakkar lil din il-mara qaddisa li ġġib l-isem ta' Santa Marija Egiziaca.

Imqanqla minn ispirazzjoni divina ddeċidiet li tmur fid-deżert tal-Lhudija lejn ix-xmara Ġordan. Wara li rċeviet karità ta' tliet muniti tal-fidda minn persuna mhix magħrufa, telqet lejn id-deżert. Waslet f'xatt ix-xmara Ġordan, qasmet għan-naħa l-oħra, u waslet fil-post li jfakkar il-magħmudija ta' Ġesù minn Ġwanni l-Battista. Hemmhekk hi ngħatat għal ħajja ta' solitudni u penitenza għal 47 sena, sal-jum li fih iltaqgħet mar-raħeb Żosimo.

Wara li irrakkontatlu ħajjitha, Marija talbet lil Żosimo biex jirritorna għandha s-sena ta' wara, filgħaxija ta' Ħamis ix-Xirka, biex iġibilha l-Ewkaristija. Żosimo żamm kelmtu, u meta mar fix-xmara Ġordan is-sena ta' wara sab li Marija kienet diġà qasmet ix-xmara b'mod mirakoluż biex tiltaqa' miegħu. Tqarbnet u reġgħet talbitu jirritorna s-sena ta' wara għall-istess appuntament.

Meta Żosimo, għat-tieni sena konsekuttiva, irritorna lejn ix-xatt tax-xmara Ġordan, hu sab lil Marija mejta mal-art, liebsa l-mantar li hu kien taha sentejn qabel. Ħdejn rasha kien hemm kitba li tgħid: "Missier Żosimo, idfen il-ġisem tal-umli Marija; erġa' rodd lill-art dak li hu trab, u f'isem Alla itlob għalija; jiena mitt fix-xahar ta' *pharmouti*, kif jikkalkulaw iż-żmien l-Eġizzjani, li jikkorrispondi għax-xahar ta' April tar-Rumani, fil-lejl tal-Passjoni tal-Mulej, wara li ħadt sehem fl-ikla mistika."



Żosimo fehem li Marija kienet ilha mejta sena, fl-istess jum li fih kien mar biex jagħtiha l-Ewkaristija. Hu ried jipprova jidfen dak il-ġisem, imma ma kellux strumenti biex iħaffer, ħlief injama. Meta beda jħaffer kif jista' jara maġenbu ljun li fi ftit ħin ħaffer ħofra fonda biżżejjed biex fiha r-raħeb seta' jidfen lil Marija. L-iljun imbagħad mela' l-ħofra bir-ramel tad-deżert biex jgħatti fiha l-ġisem tal-mara penitenti. Żosimo mar lura lejn il-monasteru tiegħu, fejn irrakkonta l-ġrajja lill-abba Ġwann l-igumenu u lil sħabu l-irħieb.



Għalkemm huma ħafna dawk li jqisu din l-istorja bħala leġġenda, "kreazzjoni poetika, fost l-isbaħ li ħallitilna l-antikità Kristjana" (H. Delehaye), ma nistgħux inqisu din il-ħajja bħala invenzjoni. X'aktarx li hi żvilupp ta' tradizzjoni palestinjana madwar qabar ta' mara penitenti li kienet verament għexet fid-deżert. Fil-*Vita* ta' Kyriakos, kitba ta' Ċirillu ta' Scitopoli, l-awtur jirrakkonta kif darba kien mar fid-deżert flimkien ma' ċertu abba Ġwanni. Hu ħoloq rakkont li mbagħad serva bħala bażi għall-istorja kif jirrakkontaha San Sofronju:

"Waqt li konna mexjin fid-deżert, Ġwanni indikali l-post fejn jingħad li hemm il-qabar ta' Santa Marija. Jiena stagħġibt u tlabtu jirrakkontali x'kien hemm f'dak il-post, u hu qalli: 'Ftit taż-żmien ilu, waqt li kont miexi ma' sieħbi l-abba Panamón biex immorru għand l-abba Kyriakos, ilmaħna mill-bogħod forma umana ħdejn siġra tal-għargħar selvaġġa. Ħsibna li din kienet il-persuna ta' xi eremita ta' dan id-deżert, u ħaffifna biex insellmulu. Imma meta qrobna din il-figura sparixxiet. Billi bżajna bdejna nitolbu għax dehrilna li dik kienet ix-xbieha ta' xi spirtu ħażin. Wara li għidna *Amen*, ħarisna u rajna għar taħt l-art, u immaġinajna li dak l-eremita kien daħal jinħeba hemm ġew. Ersaqna lejn ħalq l-għar u bdejna nsejħulu b'dawn il-kelmiet: Ħuna, la tiċħdilniex il-barka tiegħek u mill-ġid li nistgħu niksbu jekk nitkellmu miegħek. Imma l-leħen weġibna: Xi tridu minni? Jiena mara. U mbagħad staqsiena: Fejn sejrin? U aħna weġibna: Sejrin għand l-abba Kyriakos, imma qabel kollox għidilna x'jismek, u kif qed tgħix hawnhekk. U l-leħen qalilna: Morru għalissa, u mbagħad ngħidilkom meta tkunu ġejjin lura. Imma billi aħna insistejna li ma konniex se niċċaqilqu qabel ma nkunu nafu l-istorja tagħha, hi weġbitna: Jiena jisimni Marija, kont kantriċi tal-*Anástasis* (Knisja tar-Risurrezzjoni) ta' Kristu, u ħtija tax-xitan kont oġġett

ta' skandlu għal bosta. Billi bdejt nibża' li nżid dnub fuq dnub, tlabt lil Alla biex jeħlisni minn dawk l-iskandli. Jum minnhom, mimlija ndiema f'qalbi, inżilt lejn is-Santa Siloam (Knisja tal-Menqgħa ta' Siloam taħt Ġerusalemm), u mlejt din il-ġarra bl-ilma flimkien ma' qoffa ta' ful mgħolli, u mimlija fiduċja f'Alla ħriġt bil-lejl mill-belt qaddisa. U Hu ġabni hawnhekk, fejn ili ngħix għal tmintax-il sena. Għall-grazzja ta' Alla la l-ilma ma naqasni u lanqas il-ful li ġibt fil-qoffa. F'dan iż-żmien kollu ma rajt l-ebda bniedem. Issa itilqu, imma wara li ttemmu l-qadja tagħkom, meta tkunu ġejjin lura għaddu biex tarawni.

Wara dawn il-kelmiet morna għand l-abba Kyriakos, u rrakkontajnielu dak li għaddejna minnu. Kyriakos stagħġeb u qal: Glorja lilek, Alla tiegħi, għal dak li żżomm moħbi dwar qaddisin kbar. Imma issa, uliedi, morru lura u agħmlu dak li qaltilkom. Irċevejna l-barka tal-qaddis eremita xwejjaħ u morna lura lejn l-għar. Ħabbatna kif soltu jagħmlu l-eremiti, imma billi ma smajna l-ebda tweġiba dħalna ġewwa u skoprejna li dik il-mara kienet mejta. Billi ma konniex nafu kif se nidfnuha, morna lura lejn il-*laura* ta' Suka (fil-wadi Khareitun) u ħadna magħna l-istrumenti meħtieġa. Hekk tajniha l-ġieħ tad-difna u mbagħad għalaqna d-daħla tal-għar bil-ġebel'" (*Vita Cyriaci*, XVIII-XIX).

L-għejun letterarji għall-ħajja ta' Marija Egiziaca jinkludu l-*Vita* ta' Marija, opra ta' San Sofronju, il-*Vita* ta' San Pawl ta' Tebe (l-ewwel Eremita) miktuba minn San Ġilormu, u r-rakkont tar-raħeb Ġwann fil-*Vita Cyriaci*. L-istudjużi jikkonkludu li l-ħajja ta' Marija Egiziaca nkitbet fuq il-mudell ta' dik ta' San Pawl ta' Tebe, u sabet postha mbagħad bħala rakkont fil-*Vita Cyriaci*.

L-istudjuż F. Delmas skopra fonti oħra tal-kitba ta' Sofronju fil-kapitlu 179 tal-*Prato Spirituale* ta' Ġwann Mosco (*Patrologia Græca*, LXXXVII, 3049). Dan jirrakkonta rakkont li sema' mill-abba Ġwann l-eremita, imlaqqam "l-Aħmar", li kien semgħu mill-eremita abba Ġwann li tkellimna fuqu qabel. Dan ir-rakkont isemmi mara kkonsagrata li, biex taħrab minn tentazzjoni tal-ġisem li x-xitan webbilha biha meta ltaqgħet ma' żagħżugħ, kienet ħarbet fid-deżert bi ftit ikel u ilma, u hemm damet tgħix 17-il sena sakemm sar jaf biha wieħed eremit li rrakkonta l-istorja tagħha. Delmas jikkonkludi li l-leġġenda ta' Marija Egiziaca, fid-diversi redazzjonijiet li rajna, kienet issawret l-Eġittu.

Il-leġġenda ta' Santa Marija Egiziaca saret ħafna popolari fil-medjuevu. Barra mill-*Vita* miktuba minn San Sofronju, hemm diversi fonti oħrajn orjentali tal-ħajja ta' din il-penitenti marbuta ma' Ġerusalemm u mad-deżert tal-Lhudija, fosthom ħajjiet miktubin bil-Grieg, Armen u Għarbi. Saru anke traduzzjonijiet bil-Latin, fosthom dik ta' Pawl Djaknu li ittraduċa l-opra ta' Sofronju (*Bibliotheca Hagiographica Latina*, II, 801, n. 5415). Il-Bollandisti ippreżentaw l-edizzjoni kritika tal-ħajja ta' Santa Marija Egiaca (P. PAPEBROCH, *De S. Maria Ægyptiaca, et S. Zosima, Presbytero, Monacho*, in *Acta Sanctorum, Aprilis*, I, Antwerp, 1675, 67-90).

Il-festa ta' Santa Marija Egiziaca fl-Orjent tiġi iċċelebrata fl-1 ta' April, id-data li tikkorrispondi għall-jum tal-mewt tagħha nhar Ħamis ix-Xirka. L-istess data tidher fit-*Typikon* tal-monasteru ta' San Saba. Fil-Knisja tal-Punent, il-jum tal-festa ta' Santa Marija Egiaca hu fit-2 ta' April (*Calendario marmoreo* ta' Napli). Fil-Martiroloġi hi indikata bħala: "Apud Palestinam, depositio beatæ Mariæ Ægyptiacæ quæ peccatrix appellatur" (Fil-Palestina, tifkira ta' Santa Marija Egiziaca, li kienet magħrufa bħala midinba).

**ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK**

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## TIĠDID
## L-ART IMQADDSA
## 2021




## ABBONAMENT:
### €10 fis-sena
### €15 jew aktar Sostenitur

**TOĦROĠ KULL 3 XHUR**


**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ______________
bħal abbonament għall-2021



**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Is-Santwarju ta' Betfage*
*Ritratt:* Andrè Mangion